**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 286/2011**

**tal-10 ta' Marzu 2011**

**li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 83, 30.3.2011, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158 | 74 | 10.6.2013 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 138, 26.5.2011, p. 66 (286/2011)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 246, 23.9.2011, p. 34 (286/2011)

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 286/2011

## tal-10 ta' Marzu 2011

## li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jarmonizza d-dispożizzjonijiet u l-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar ta' sustanzi, taħlitiet u ċerti oġġetti speċifiċi fl-Unjoni Ewropea.

(2) Dak ir-Regolament jikkunsidra s-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettjar ta' Sustanzi Kimiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-GHS") tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).

(3) Il-kriterji tal-klassifikazzjoni u r-regoli tal-ittikkettjar tal-GHS huma riveduti perjodikament fil-livell tan-NU. It-tielet edizzjoni riveduta tal-GHS ġiet adottata f'Diċembru 2008 mill-Kumitat tal-Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi u dwar is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettjar ta' Sustanzi Kimiċi (UNCETDG/GHS). Din tinkludi emendi li jirrigwardaw, fost affarijiet oħra, id-dispożizzjonijiet għall-allokazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' periklu u għall-ittikkettjar ta' pakketti żgħar, sottokategoriji ġodda għal sensitizzazzjoni respiratorja jew tal-ġilda, ir-reviżjoni tal-kriterji tal-klassifikazzjoni għal perikli fuq medda twila ta' żmien (tossiċità kronika) għall-ambjent akkwatiku u klassi ġdida ta' perikli għal sustanzi u taħlitiet perikolużi għas-saff tal-ożonu. Huwa għalhekk meħtieġ li d-dispożizzjonijiet u l-kriterji tekniċi fl-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jiġu adattati għat-tielet edizzjoni riveduta tal-GHS.

(4) Il-GHS tippermetti li l-awtoritajiet jadottaw dispożizzjonijiet ta' ttikkettjar supplimentari sabiex jipproteġu lill-individwi li diġà huma sensitizzati għal sustanza kimika speċifika li tista' tqajjem reazzjoni f'konċentrazzjoni baxxa ħafna. Għandhom jiġu introdotti rekwiżiti sabiex jiżdied l-isem ta' din is-sustanza kimika fuq it-tikketta anki jekk tkun preżenti f'konċentrazzjoni baxxa ħafna f'taħlita.

(5) It-terminoloġija tad-dispożizzjonijiet differenti fl-Annessi u ċerti kriterji tekniċi għandhom jiġu emendati wkoll sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni mill-operaturi u l-awtoritajiet ta' infurzar, sabiex titjieb il-konsistenza tat-test legali u tiżdied il-kjarezza.

---

([1]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

▼B

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri tas-sustanzi jistgħu jadattaw għad-dispożizzjonijiet ġodda tal-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti permezz ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi stipulat perjodu tranżitorju u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi diferita. Dan għandu jippermetti l-possibbiltà li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu applikati volontarjament qabel ma jiskadi l-perjodu tranżitorju.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 25(5) huwa mħassar;

(2) It-taqsima l-ġdida li ġejja (e) tiddaħħal fl-Artikolu 26(1):

"(e) jekk tapplika l-pittogramma ta' perikolu 'GHS02' jew 'GHS06', l-użu tal-pittogramma 'GHS04' ma għandux ikun obbligatorju.";

(3) l-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness II huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(5) l-Anness III huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(6) l-Anness IV huwa emendat skont l-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(7) l-Anness V huwa emendat skont l-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(8) l-Anness VI huwa emendat skont l-Anness VI ta' dan ir-Regolament;

(9) l-Annes VII huwa emendat skont l-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu, qabel l-1 ta' Diċembru 2012 u l-1 ta' Ġunju 2015 rispettivament, jiġu kklassifikati, ittikkettjati u ppakkjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat b'dan ir-Regolament.

2. Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, is-sustanzi kklassifikati, ittikkettjati u ppakkettjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u mpoġġija fis-suq qabel l-1 ta' Diċembru 2012, mhuwiex mitlub li jerġgħu jiġu ttikkettjati u ppakkettjati skont dan ir-Regolament sal-1 ta' Diċembru 2014.

---

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

▼B

3. Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, it-taħlitiet ikklassifikati, ittikkettjati u u ppakkettjati skont id-Direttiva 1999/45/KE ([1]) jew ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Ġunju 2015, mhuwiex mitlub li jerġgħu jiġu ttikkettjati u ppakkettjati skont dan ir-Regolament sal-1 ta' Ġunju 2017.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika fir-rigward ta' sustanzi mill-1 ta' Diċembru 2012 u fir-rigward ta' taħlitiet mill-1 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.

▼B

*ANNESS I*

A. Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija emendata kif ġej:

(1) Fit-Taqsima 1.1.2.2.2, in-Nota taħt it-Tabella 1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Nota:*

Valuri cut-off ġeneriċi huma f'perċentwali ta' piż ħlief għat-taħlitiet gassużi għal dawk il-klassijiet ta' periklu fejn il-valuri cut-off ġeneriċi jistgħu jiġu deskritti l-aħjar bħala f'perċentwali tal-volum."

(2) Fit-Taqsima 1.1.3.1, il-bidu tal-ewwel sentenza hija sostitwita b"Jekk taħlita ttestjata"

(3) It-Taqsimiet 1.1.3.2, 1.1.3.3 u 1.1.3.4 huwa sostitwiti kif ġej:

"1.1.3.2. *Tqegħid f'lott*

Il-kategorija ta' periklu ta' lott ittestjat ta' produzzjoni ta' taħlita tista' titqies li hi sostanzjalment ekwivalenti għal dik f'lott ieħor ta' produzzjoni mhux ittestjat tal-istess prodott kummerċjali, meta jkun magħmul minn jew taħt il-kontroll tal-istess fornitur, sakemm ma jkunx hemm biżżejjed raġunijiet biex wieħed jemmen li hemm varjazzjoni sinifikanti tant li l-klassifikazzjoni tal-periklu tal-lott mhux ittestjat tkun inbidlet. Jekk iseħħ dan tal-aħħar, tkun teħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida.

1.1.3.3. *Konċentrazzjoni ta' taħlitiet perikolużi ħafna*

Fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' taħlitiet koperti bit-Taqsimiet 3.1, 3.2, 3.3, 3.8, 3.9, 3.10 u 4.1, jekk taħlita ttestjata hi klassifikata fil-kategorija jew sottokategorija l-aktar perikoluża, u l-konċentrazzjoni tal-komponenti fit-taħlita ttestjata li hemm f'dik il-kategorija jew sottokategorija tiġi miżjuda, it-taħlita mhux ittestjata li tirriżulta għandha tiġi kklassifikata f'dik il-kategorija jew sottokategorija mingħajr ma tkun teħtieġ aktar ittestjar.

1.1.3.4. *Interpolazzjoni f'kategorija waħda ta' tossiċità*

Fil-każ tal-klassifikazzjoni ta' taħlitiet koperti bit-Taqsimiet 3.1, 3.2, 3.3, 3.8, 3.9, 3.10 u 4.1, għal tliet taħlitiet (A, B u C) li għandhom komponenti identiċi, fejn it-taħlitiet A u B ġew ittestjati u huma fl-istess kategorija ta' periklu, u fejn t-taħlita C li ma ġietx ittestjata għandha l-istess komponenti perikolużi bħat-taħlitiet A u B iżda għandha konċentrazzjonijiet ta' dawk il-komponenti perikolużi intermedjarji għall-konċentrazzjonijiet fit-taħlitiet A u B, it-taħlita C titqies imbagħad li hi fl-istess kategorija ta' periklu bħal A u B."

(4) Fit-Taqsima 1.1.3.5, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Jekk it-taħlita (i) jew (ii) hi diġà klassifikata fuq il-bażi tad-dejta mit-test, allura t-taħlita l-oħra għandha tiġi assenjata fl-istess kategorija ta' periklu."

(5) It-Taqsimiet 1.2, 1.2.1, 1.2.1.1, 1.2.1.2 u 1.2.1.3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1.2. **Ittikkettjar**

1.2.1. ***Regoli ġenerali għall-applikazzjoni tat-tikketti mitluba mill-Artikolu 31***

1.2.1.1. Il-pittogrammi tal-periklu għandhom ikunu f'forma kwadra mqiegħda fuq punt minnhom.

1.2.1.2. Il-pittogrammi tal-periklu kif stabbiliti fl-Anness V għandu jkollhom simbolu iswed fuq sfond abjad bi frejm aħmar wiesgħa biżżejjed sabiex ikun jidher ċar.

▼B

1.2.1.3. Kull pittogramma tal-periklu għandha tkopri mill-inqas parti waħda minn 15 tal-erja minima tal-wiċċ tat-tikketta ddedikata għall-informazzjoni meħtieġa bl-Artikolu 17. L-erja minima ta' kull pittogramma ta' periklu għandha tkun ta' mhux anqas minn 1 ċm$^2$.

1.2.1.4. Id-dimensjonijiet tat-tikketta u ta' kull pittogramma għandhom ikunu kif ġej:

*Tabella 1.3*

**Id-dimensjonijiet minimi tat-tikketti u l-pittogrammi**

| Kapaċità tal-pakkett | Dimensjonijiet tat-tikketta (f'millimetri) għall-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 17 | Dimensjonijiet ta' kull pittogramma (f'millimetri) |
|---|---|---|
| Mhux aktar minn tliet litri: | Jekk jista' jkun, mill-inqas 52 × 74 | Mhux iżgħar minn 10 × 10<br>Jekk jista' jkun, mill-inqas 16 × 16 |
| Aktar minn tliet litri iżda, mhux aktar minn 50 litru: | Mill-inqas 74 × 105 | Mill-inqas 23 × 23 |
| Aktar minn 50 litru iżda mhux aktar minn 500 litru: | Mill-inqas 105 × 148 | Mill-inqas 32 × 32 |
| Aktar minn 500 litru: | Mill-inqas 148 × 210 | Mill-inqas 46 × 46" |

(6) Is-sentenza introduttorja fit-Taqsima 1.5.2.1.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-pittogramma, il-kelma tas-sinjal, id-dikjarazzjoni tal-periklu, u d-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni marbuta mal-kategoriji ta' periklu elenkati hawn taħt jistgħu jitħallew barra mill-elementi tat-tikketta mitluba mill-Artikolu 17 fejn:";

(7) Fit-Taqsima 1.5.2.2, il-punt (b) hu sostitwit b'li ġej:

"(b) Il-klassifikazzjoni tal-kontenut tal-imballaġġ li jinħall hija esklussivament waħda jew aktar mill-kategoriji ta' periklu f'1.5.2.1.1(b), 1.5.2.1.2(b) jew 1.5.2.1.3(b); u".

B. Il-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija emendata kif ġej:

(1) It-Taqsima 2.1.4.1 hija emendata kif ġej:

(a) In-nota f'qiegħ il-paġna taħt il-Figura 2.1.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"(*) ara r-Rakkomandazzjonijiet tan-NU dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi, Regolamenti Mudell, is-16-il ed. riv., is-sottotaqsima 2.1.2";

(b) Il-Figura 2.1.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

▼B

*"Figura 2.1.3*

**Proċedura biex tiġi assenjata f'diviżjoni fil-klassi ta' splussivi (Klassi 1 għat-trasport)**




"

▼B

(c) Il-Figura 2.1.4, hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Figura 2.1.4*

**Proċedura għall-klassifikazzjoni tal-emulsjonijiet tan-nitrat tal-ammonju, sospensjonijiet jew ġellijiet (ANE)**




"

▼B

(2) Fit-Taqsima 2.1.4.2, in-Nota hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Nota:*

La t-tixrid tat-tip (a) tas-Serje 1 tat-test ta' detonazzjoni u lanqas it-test tat-tip (a) tas-Serje 2 tas-sensittività għax-xokk detonattiv mhuma meħtieġa jekk l-enerġija tad-dekompożizzjoni eżotermika tal-materjali organiċi tkun inqas minn 800 J/g. Rigward sustanzi organiċi u taħlitiet ta' sustanzi organiċi ma' enerġija tad-dekompożizzjoni ta' 800 J/g jew iktar, it-testijiet 1(a) u 2(a) mhumiex meħtieġa li jkunu mwettqa jekk ir-riżultat tat-test tat-taħlita ballistika Mk.IIId (F.1), jew it-test tat-taħlita ballistika (F.2) jew it-test tal-BAM Trauzl (F.3) b'inizjazzjoni permezz ta' detonatur standard Nru 8 (ara l-Appendiċi 1 tal-NU RTDG, Manwal dwar it-Testijiet u l-Kriterji) ikun 'le'. F'dan il-każ, ir-riżultati tat-test 1(a) u 2(a) jitqiesu li huma '–'."

(3) Fit-Taqsima 2.2.2.1, in-Nota taħt it-Tabella 2.2.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Nota:*

L-aerosols ma għandhomx jiġu kklassifikati bħala gassijiet li jaqbdu; ara t-Taqsima 2.3."

(4) Fit-Taqsima 2.3.2.1, in-Nota għandha tiġi sostitwita bin-noti li ġejjin:

"*Nota 1:*

Il-komponenti li jaqbdu ma jkoprux sustanzi u taħlitiet piroforiċi, li jisħnu waħedhom jew li jirreaġixxu mal-ilma peress li dawk il-komponenti qatt ma jintużaw fil-kontenut tal-aerosol.

*Nota 2:*

L-aerosols li jaqbdu ma jaqgħux ukoll fl-ambitu tat-Taqsimiet 2.2 (gassijiet li jaqbdu), 2.6 (likwidi li jaqbdu) jew 2.7 (solidi li jaqbdu)."

(5) Fit-Taqsima 2.3.2.2, in-Nota li ġejja hija miżjuda fit-tmiem tal-paragrafu:

"*Nota:*

L-aerosols li mhumiex sottomessi għall-proċeduri tal-klassifikazzjoni tal-fjammabbiltà f'din it-taqsima għandhom jiġu kklassifikati bħala aerosols li jaqbdu, Kategorija 1."

(6) Fit-Taqsima 2.4.2.1, in-Nota taħt it-Tabella 2.4.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Nota:*

'Gassijiet li jikkawżaw jew jikkontribwixxu għall-kombustjoni ta' materjal ieħor aktar mill-arja' tfisser gassijiet puri jew taħlitiet ta' gassijiet b'setgħa ossidanti akbar minn 23,5 % kif determinata minn metodu speċifikat fl-ISO 10156 kif emendat jew 10156-2 kif emendat."

(7) Fit-Taqsima 2.5.3, in-Nota li ġejja hija miżjuda taħt it-Tabella 2.5.2:

"*Nota:*

Il-pittogramma GHS04 mhix meħtieġa għal gassijiet taħt pressjoni meta tidher il-pittogramma GHS02 jew il-pittogramma GHS06."

▼B

(8) Fit-Taqsima 2.6.2.1 in-Nota li ġejja hija miżjuda taħt it-Tabella 2.6.1:

"*Nota:*

L-aerosols ma għandhomx jiġu kklassifikati bħala likwidi li jaqbdu; ara t-Taqsima 2.3."

(9) It-Taqsima 2.6.4.2 hija emendata kif ġej:

(a) L-ewwel paragrafu hu sostitwit b'li ġej:

"Fil-każ tat-taħlitiet (*) li fihom likwidi magħrufa li jaqbdu f'konċentrazzjonijiet definiti, għalkemm jista' jkun fihom komponenti mhux volatili eż. polimeri, addittivi, il-punt ta' fjammabbiltà ma hemmx għalfejn jiġi determinat b'mod esperimentali jekk il-punt ta' fjammabbiltà tat-taħlita, permezz tal-metodu msemmi fi 2.6.4.3, ikun mill-inqas 5 °C (**) akbar mill-kriterju rilevanti ta' klassifikazzjoni (23 °C u 60 °C, rispettivament) u sakemm:

(*) Sal-lum, il-metodu tal-kalkolu kien ivvalidat għal taħlitiet li jkun fihom sa sitt komponenti volatili. Dawn il-komponenti jistgħu jkunu likwidi li jaqbdu bħall-idrokarboni, eteri, alkoħol, esters (minbarra l-akrilati), u ilma. Madankollu għadu mhux ivvalidat għal taħlitiet li fihom taħlitiet sulfuriċi aloġenati u/jew fosforiċi kif ukoll akrilati reattivi.

(**) Jekk il-punt ta' fjammabbiltà kkalkulat ikun inqas minn 5 °C akbar mill-kriterju rilevanti tal-klassifikazzjoni, il-metodu ta' kalkolu ma jistax ikun intużat u l-punt ta' fjammabbiltà għandu jiġi determinat b'mod sperimentali."

(b) Fil-punt (b), għandhom jiġu miżjuda l-kliem "tat-taħlita";

(10) Fit-Taqsima 2.6.4.4, it-Tabella 2.6.3, ir-ringiela kollha "British Standard Institute, BS 2000 il-Parti 170 kif emendata (identiku għal EN ISO 13736)" hija mħassra;

(11) It-Taqsima 2.6.4.5 hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.6.4.5. Likwidi b'punt ta' fjammabbiltà ta' iktar minn 35 °C u mhux iktar minn 60 °C ma jeħtiġux li jiġu kklassifikati fil-Kategorija 3 jekk inkisbu riżultati negattivi fit-test tal-kombustibbiltà sostnuta L.2, il-Parti III, it-Taqsima 32 tan-NU RTDG, il-Manwal dwar it-Testijiet u l-Kriterji."

(12) It-Taqsima 2.6.4.6 ġdida li ġejja hija miżjuda:

"2.6.4.6. Metodi possibbli tal-ittestjar sabiex jiġi determinat il-punt inizjali tat-togħlija ta' likwidi li jaqbdu huma mniżżla fit-Tabella 2.6.4.

*Tabella 2.6.4*

**Metodi sabiex jiġi determinat il-punt inizjali tat-togħlija ta' likwidi li jaqbdu**

| | |
|---|---|
| Standards Ewropej: | EN ISO 3405 kif emendat<br>Prodotti taż-żejt – Determinazzjoni tal-karatteristiċi ta' distillazzjoni fi pressjoni atmosferika |
| | EN ISO 3924 kif emendat<br>Prodotti taż-żejt – Determinazzjoni tad-distribuzzjoni tal-firxa tat-togħlija – Metodu tal-kromatografija tal-gass |
| | EN ISO 4626 kif emendat<br>Likwidi organiċi volatili – Determinazzjoni tal-firxa tat-togħlija ta' solventi organiċi użati bħala materja prima |
| Ir-Regolament (KE) Nru 440/2008 (*) | Metodu A.2 kif deskritt fil-Parti A tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 440/2008 |

(*) ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1."

▼B

(13) Fit-Taqsima 2.7.2.3, in-Nota taħt it-Tabella 2.7.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Nota 1:*

It-test għandu jiġi mwettaq fuq is-sustanza jew it-taħlita fil-forma fiżika li tiġi ppreżentata fiha. Jekk, pereżempju, għall-finijiet tal-provvista jew trasport, l-istess sustanza kimika għandha tiġi ppreżentata f'forma fiżika differenti minn dik li kienet ittestjata u li hija kkunsidrata li probabbli tibdel il-prestazzjoni tagħha f'test ta' klassifikazzjoni, is-sustanza għandha tiġi ttestjata wkoll fl-għamla l-ġdida.

*Nota 2:*

L-aerosols ma għandhomx jiġu kklassifikati bħala solidi li jaqbdu; ara t-Taqsima 2.3."

(14) Fit-Taqsima 2.8.4.2, il-Figura 2.8.1, il-punti 7.4, 8.4 u 9.4, il-kelma "Le" tiġi sostitwita bil-kelma "Xejn".

(15) It-Taqsima 2.11.1.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.11.1.2. It-tisħin waħdu ta' sustanzi jew taħlitiet huwa proċess fejn ir-reazzjoni gradwali ta' dik is-sustanza jew taħlita mal-ossiġnu (fl-arja) tiġġenera sħana. Jekk ir-rata ta' produzzjoni tas-sħana teċċedi r-rata ta' telf ta' sħana, allura t-temperatura tas-sustanza jew tat-taħlita tiżdid tant li, wara ħin ta' induzzjoni, tista' twassal għal awtofjammabbiltà u awtokombustjoni."

(16) Fit-Taqsima 2.15.4.2, il-Figura 2.15.1, il-punti 7.4, 8.4 u 9.4, il-kelma "Le" hija sostitwita b"Xejn".

C. Il-Parti 3 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija emendata kif ġej:

(1) It-Taqsima 3.1.2.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.1.2.1. Is-sustanzi jistgħu jitqiegħdu f'waħda mill-erba' kategoriji ta' tossiċità abbażi tat-tossiċità akuta permezz ta' rotot orali, dermali jew tan-nifs skont il-kriterji numeriċi murija fit-Tabella 3.1.1. Il-valuri tat-tossiċità akuta huma mfissra bħala valuri (approssimativi) $LD_{50}$ (orali, dermali) jew $LC_{50}$ (tat-teħid bin-nifs) jew bħala stima ta' tossiċità akuta (ATE). In-Noti ta' spjega jinsabu fit-Tabella 3.1.1 li ġejja.

*Tabella 3.1.1*

**Kategoriji ta' periklu ta' tossiċità akuta u stimi ta' tossiċità akuta (ATE) li jiddefinixxu l-kategoriji rispettivi**

| Rotta ta' Esponiment | Il-Kategorija 1 | Il-Kategorija 2 | Il-Kategorija 3 | Il-Kategorija 4 |
|---|---|---|---|---|
| Orali (mg/kg piż tal-ġisem)<br>Ara: Nota (a)<br>Nota (b) | ATE ≤ 5 | 5 < ATE ≤ 50 | 50 < ATE ≤ 300 | 300 < ATE ≤ 2 000 |
| Dermali (mg/kg piż tal-ġisem)<br>Ara: Nota (a)<br>Nota (b) | ATE ≤ 50 | 50 < ATE ≤ 200 | 200 < ATE ≤ 1 000 | 1 000 < ATE ≤ 2 000 |
| Gassijiet (ppmV (*))<br>ara: Nota (a)<br>Nota (b)<br>Nota (c) | ATE ≤ 100 | 100 < ATE ≤ 500 | 500 < ATE ≤ 2 500 | 2 500 < ATE ≤ 20 000 |

▼B

| Rotta ta' Esponiment | Il-Kategorija 1 | Il-Kategorija 2 | Il-Kategorija 3 | Il-Kategorija 4 |
|---|---|---|---|---|
| Fwar (mg/l)<br>ara: Nota (a)<br>Nota (b)<br>Nota (c)<br>Nota (d) | ATE ≤ 0,5 | 0,5 < ATE ≤ 2,0 | 2,0 < ATE ≤ 10,0 | 10,0 < ATE ≤ 20,0 |
| Trabijiet u Raxx (mg/l)<br>ara: Nota (a)<br>Nota (b)<br>Nota (c) | ATE ≤ 0,05 | 0,05 < ATE ≤ 0,5 | 0,5 < ATE ≤ 1,0 | 1,0 < ATE ≤ 5,0 |

(*) Il-konċentrazzjonijiet tal-gass huma espressi f'partijiet kull miljun kull volum (ppmV).

*Noti mat-Tabella 3.1.1:*

(a) L-istima tat-tossiċità akuta (ATE) għall-klassifikazzjoni ta' sustanza tinkiseb permezz ta' $LD_{50}/LC_{50}$ fejn ikun disponibbli.

(b) L-istima tat-tossiċità akuta (ATE) għall-klassifikazzjoni ta' sustanza f'taħlita tinkiseb permezz ta':

— l-$LD_{50}/LC_{50}$ fejn ikun disponibbli,

— il-valur adattat tal-konverżjoni mit-Tabella 3.1.2 li jirrigwarda r-riżultati ta' test ta' firxa, jew

— il-valur adattat tal-konverżjoni mit-Tabella 3.1.2 li jirrigwarda kategorija ta' klassifikazzjoni.

(c) Il-limiti ta' konċentrazzjoni ġeneriċi għat-tossiċità mat-teħid bin-nifs fit-tabella huma bbażati fuq ittestjar ta' esponiment għal erba' sigħat. Il-konverżjoni tad-dejta eżistenti dwar it-tossiċità mat-teħid bin-nifs li ġiet iġġenerata permezz ta' esponiment għal siegħa (1) tista' ssir billi tiġi diviża b'fattur ta' 2 għall-gassijiet u għall-fwar u fattur ta' 4 għat-trabijiet u r-raxx.

(d) Għal xi sustanzi l-atmosfera tat-test mhix ser tkun fwar biss iżda se tikkonsisti f'taħlita ta' fażijiet ta' likwidu u fwar. Għal sustanzi oħra l-atmosfera tat-test tista' tkun magħmula minn fwar li hu qrib il-fażi tal-gass. F'dawn il-każijiet tal-aħħar, il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ppmV kif ġej: il-Kategorija 1 (100 ppmV), il-Kategorija 2 (500 ppmV), il-Kategorija 3 (2 500 ppmV), il-Kategorija 4 (20 000 ppmV).

It-termini 'trab', 'raxx' u 'fwar' huma definiti kif ġej:

— *Trab:* frak solidu ta' sustanza jew taħlita sospiżi f'gass (normalment fl-arja);

— *Raxx:* qtar likwidi ta' sustanza jew taħlita sospiża f'gass (normalment fl-arja);

— *Fwar:* il-forma gassuża ta' sustanza jew taħlita merħija mill-istat likwidu jew solidu tagħha.

It-trab normalment jifforma permezz ta' proċeduri mekkaniċi. Ir-raxx normalment jifforma għax jikkondensal-fwar saturat iżżejjed jew permezz tal-forza tal-pressjoni fiżika fuq il-likwidi. It-trabijiet u r-raxx ġeneralment ikollhom daqsijiet li jvarjaw minn inqas minn 1 sa madwar 100 μm."

▼B

(2) It-Taqsima 3.1.3.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.1.3.2. Għal tossiċità akuta għandha titqies kull rotta ta' esponiment għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet, iżda tinħtieġ rotta waħda biss ta' esponiment dejjem jekk din ir-rotta tiġi segwita (stmata jew ittestjata) għall-komponenti kollha u ma jkunx hemm prova rilevanti li turi tossiċità akuta permezz ta' diversi rotot. Meta jkun hemm prova rilevanti ta' tossiċità permezz ta' diversi rotot ta' esponiment, il-klassifikazzjoni għandha tiġi mwettqa għar-rotot kollha xierqa tal-esponiment. L-informazzjoni disponibbli kollha għandha tiġi kkunsidrata. Il-pittogramma u l-kelma tas-sinjal użati għandhom jirriflettu l-iktar kategorija ta' periklu serja u għandhom jintużaw id-dikjarazzjonijiet tal-periklu rilevanti kollha."

(3) Fit-Taqsima 3.1.3.3, jiżdiedu l-punti (c) u (d):

"(c) Jekk il-punti tat-tossiċità akuta konvertit għall-komponenti kollha ta' taħlita jkunu fl-istess kategorija, it-taħlita għandha tiġi klassifikata f'dik il-kategorija.

(d) Meta d-dejta tal-firxa biss (jew l-informazzjoni tal-kategorija tal-periklu tat-tossiċità akuta) jkunu disponibbli għall-komponenti f'taħlita, dawn jistgħu jiġu konvertiti f'punti ta' stima skont it-Tabella 3.1.2 fil-kalkolu tal-klassifikazzjoni tat-taħlita l-ġdida permezz tal-formuli fit-Taqsimiet 3.1.3.6.1 u 3.1.3.6.2.3."

(4) It-Taqsima 3.1.3.5.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.1.3.5.2. Jekk taħlita ttestjata tiġi dilwita b'dilwent li għandu klassifikazzjoni ta' tossiċità ekwivalenti jew iktar baxxa mill-komponenti oriġinali li għandhom l-inqas tossiċità, u li mhuwiex mistenni li jaffettwa t-tossiċità ta' komponenti oħra, it-taħlita dilwita l-ġdida tista' allura tiġi klassifikata bħala ekwivalenti għat-taħlita oriġinali ttestjata. Alternattivament, tista' tiġi applikata l-formula spjegata fit-Taqsima 3.1.3.6.1."

(5) It-Taqsima 3.1.3.6.1, hija emendata kif ġej:

(a) Il-punt (c) huwa mibdul kif ġej:

"(c) jiġu injorati l-komponenti jekk id-dejta disponibbli tkun minn test tad-doża ta' limitu (fil-limitu ta' fuq tal-Kategorija 4 għar-rotta adattata ta' esponiment kif stabbilit fit-Tabella 3.1.1) u ma turix tossiċità akuta"

(b) L-ewwel sentenza taħt il-punt (c) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-komponenti li jaqgħu fl-ambitu ta' din it-taqsima huma kkunsidrati bħala komponenti bi stima ta' tossiċità akuta (ATE) magħrufa. Ara n-Nota (b) mat-Tabella 3.1.1 u t-Taqsima 3.1.3.3 għal applikazzjoni xierqa tad-dejta disponibbli għall-ekwazzjoni ta' hawn taħt, u t-Taqsima 3.1.3.6.2.3."

(6) Fit-Taqsima 3.1.3.6.2.1, il-punt (a), nota ta' qiegħ il-paġna ([1]) (hija sostitwita b'dan li ġej:

"([1]) Meta t-taħlitiet ikun fihom komponenti li ma fihomx dejta dwar it-tossiċità akuta għal kull rotta ta' esponiment, stimi tat-tossiċità akuta jistgħu jiġu estrapolati mid-dejta disponibbli u applikati għar-rotot adattati (ara t-Taqsima 3.1.3.2). Madankollu, leġiżlazzjoni speċifika jista' jkollha bżonn ittestjar għal rotta speċifika. F'dawk il-każijiet, għandha tiġi mwettqa klassifikazzjoni għal dik ir-rotta bbażata fuq ir-rekwiżiti legali."

▼B

(7) It-Taqsima 3.1.3.6.2.2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.1.3.6.2.2. F'każ li jintuża komponent mingħajr ebda informazzjoni li tista' tintuża għal klassifikazzjoni f'taħlita ta' konċentrazzjoni ta' 1 % jew ikbar, jiġi konkluż li t-taħlita ma tistax tiġi attribwita stima definittiva ta' tossiċità akuta. F'din issitwazzjoni t-taħlita għandha tiġi klassifikata abbażi talkomponenti magħrufa biss, bid-dikjarazzjoni addizzjonali fuq it-tikketta u fl-SDS li: '× fil-mija tat-taħlita fih komponent(i) ta' tossiċità mhux magħrufa'."

(8) Fit-Taqsima 3.1.3.6.2.3, it-titolu tat-Tabella 3.1.2 hu sostitwit b'li ġej:

"Konverżjoni mill-firxa ta' valuri ta' tossiċità akuta miksuba b'mod sperimentali (jew il-kategoriji ta' periklu tat-tossiċità akuta) għall-istima tal-punt ta' tossiċità akuta għall-klassifikazzjoni tat-taħlitiet"

(9) Is-sentenza li ġejja tiżdied mat-Taqsima 3.1.4.1:

"Bla ħsara għall-Artikolu 27, jistgħu jintużaw dikjarazzjonijiet kkombinati ta' periklu b'konformità ma' Anness III."

(10) Fit-Tabelli 3.1.3, 3.2.5, 3.3.5, 3.4.4 u 3.8.4 il-pittogramma bil-punt esklamattiv tiġi sostiwita bil-pittogramma li ġejja:

"



"

(11) Fit-Taqsima 3.4.1.5 il-kliem "fit-Taqsima 3.4.4" huma sostitwiti bi "fl-Anness II, it-Taqsima 2.8"

(12) Fit-Taqsima 3.4.1.6 il-kelma "u" hija miżjuda wara "Sensitizzazzjoni Respiratorja"

(13) It-Taqsimiet minn 3.4.2 sa 3.4.2.2.4.1 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"3.4.2. ***Kriterji dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi***

3.4.2.1. *Sensitizzaturi respiratorji*

3.4.2.1.1. Kategoriji tal-perikli

3.4.2.1.1.1. Is-sensitizzaturi respiratorji għandhom jiġu kklassifikati fil-Kategorija 1 meta l-informazzjoni ma tkunx suffiċjenti għal sottokategorizzazzjoni.

3.4.2.1.1.2. Meta l-informazzjoni tkun suffiċjenti valutazzjoni rfinata skont 3.4.2.1.1.3 għandha tippermetti l-allokazzjoni tas-sensitizzaturi respiratorji fis-sottokategorija 1 A, sensitizzaturi qawwija, jew is-sottokategorija 1B għal sensitizzaturi respiratorji oħra.

3.4.2.1.1.3. Effetti li jidhru fl-umani jew l-annimali normalment jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni f'approċċ tas-saħħa tal-evidenza għal sensitizzaturi respiratorji. Is-sustanzi jistgħu jiġu allokati f'waħda miż-żewġ sottokategoriji 1 A jew 1B billi jintuża approċċ tas-saħħa tal-evidenza skont il-kriterji mogħtija fit-Tabella 3.4.1 u fuq il-bażi ta' evidenza kredibbli u ta' kwalità tajba minn każijiet umani jew studji epidemjoloġiċi u/jew osservazzjonijiet minn studji adattati f'annimali sperimentali.

▼B

3.4.2.1.1.4. Is-sustanzi għandhom jiġi kklassifikati bħala sensitizzaturi respiratorji skont il-kriterji fit-Tabella 3.4.1:

*Tabella 3.4.1*

**Kategoriji u sottokategoriji tal-perikli għal sensitizzaturi respiratorji**

| Il-Kategoriji | Il-Kriterji |
|---|---|
| Il-Kategorija 1 | Is-sustanzi għandhom jiġu kklassifikati bħala sensitizzaturi respiratorji (il-Kategorija 1) meta l-informazzjoni ma tkunx suffiċjenti għal sottokategorizzazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:<br>(a) jekk ikun hemm prova fl-umani li s-sustanza tista' twassal għal ipersensittività respiratorja speċifika u/jew<br>(b) jekk ikun hemm riżultati pożittivi minn test adattat fuq annimal. |
| Is-sottokategorija 1 A: | Is-sustanzi li juru frekwenza għolja ta' okkorrenza fl-umani; jew probabbiltà ta' okkorrenza ta' rata għolja ta' sensitizzazzjoni fl-umani fuq bażi ta' testijiet fuq annimali jew testijiet oħrajn (*). Is-severità tar-reazzjoni tista' titqies ukoll. |
| Is-sottokategorija 1B: | Is-sustanzi li juru frekwenza baxxa għal moderata ta' okkorrenza fl-umani; jew probabbiltà ta' okkorrenza ta' rata baxxa għal moderata ta' sensitizzazzjoni fl-umani fuq bażi ta' testijiet fuq annimali jew testijiet oħrajn (*). Is-severità tar-reazzjoni tista' titqies ukoll. |

(*) Preżentement, mudelli tal-annimali rikonoxxuti u validati għall-ittestjar tal-ipersensittività respiratorja mhumiex disponibbli. F'ċerti ċirkustanzi, dejta minn studji fuq l-annimali tista' tipprovdi informazzjoni importanti f'valutazzjoni tas-saħħa tal-evidenza.

3.4.2.1.2. Evidenza umana

3.4.2.1.2.1. L-evidenza li sustanza tista' twassal għal ipersensittività respiratorja speċifika għandha normalment tkun ibbażata fuq esperjenza umana. F'dan il-kuntest, l-ipersensitività normalment tidher bħala ażma, iżda reazzjonijiet oħra ta' ipersensitività bħar-rinite/konġuntivite u l-alveolite huma meqjusa wkoll. Il-kundizzjoni se jkollha n-natura klinika ta' reazzjoni allerġika. Madankollu, il-mekkaniżi immunoloġiċi ma hemmx għalfejn jintwerew.

3.4.2.1.2.2. Meta wieħed iqis l-evidenza umana, jeħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni biex jitqiesu, barra l-evidenza mill-każijiet:

(a) id-daqs tal-popolazzjoni esposta;

(b) il-grad tal-esponiment.

L-użu ta' dejta umana huwa diskuss fit-Taqsimiet 1.1.1.3, 1.1.1.4 u 1.1.1.5.

3.4.2.1.2.3. L-evidenza msemmija hawn fuq tista' tkun

(a) storja klinika u dejta minn testijiet xierqa tal-funzjonament tal-pulmun relatati mal-esponiment għas-sustanza, ikkonfermata minn evidenza oħra ta' sostenn li tista' tinkludi:

(i) test immunoloġiku *in vivo* (eż. test permezz ta' tingiż tal-ġilda);

(ii) test immunoloġiku *in vitro* (eż. analiżi seroloġika);

(iii) studji li jindikaw reazzjonijiet oħra speċifiċi ta' ipersensitività fejn il-mekkaniżmi immunoloġiċi tal-azzjoni ma ġewx ippruvati, eż. irritazzjoni ħafifa u ripetuta, reazzjonijiet medjati farmakoloġiċi;

▼B

(iv) struttura kimika marbuta ma' sustanzi magħrufa li jikkawżaw ipersensitività respiratorja;

(b) dejta minn test wieħed jew aktar pożittivi ta' sfida tal-bronki bis-sustanza magħmula skont linji gwida aċċettati għad-determinazzjoni ta' reazzjoni speċifika ta' ipersensittività.

3.4.2.1.2.4. L-istorja klinika għandha tinkludi kemm l-istorja medika kif ukoll dik tax-xogħol biex tiġi determinata r-relazzjoni bejn l-esponiment għal sustanza speċifika u l-iżvilupp ta' ipersensittività respiratorja. L-informazzjoni rilevanti tinkludi fatturi aggravanti kemm fid-dar kif ukoll fil-post tax-xogħol, il-bidu u l-progress tal-marda, l-istorja tal-familja u dik medika tal-pazjent ikkonċernat. L-istorja medika għandha tinkludi wkoll nota ta' problemi oħra allerġiċi jew fil-pajpijiet tan-nifs mit-tfulija, u l-istorja tat-tipjip.

3.4.2.1.2.5. Ir-riżultati tat-testijiet ta' sfida pożittivi tal-bronki huma meqjusa li jagħtu biżżejjed evidenza biex jiġu klassifikati waħedhom. Hu rikonoxxut iżda li fil-prattika ħafna mill-eżamijiet imniżżla hawn fuq ikunu saru diġà.

3.4.2.1.3. Studji fuq l-annimali

3.4.2.1.3.1. Informazzjoni minn studji adattati fuq l-annimali (*) li tista' tkun indikattiva tal-potenzjal ta' sustanza li tikkawża sensitizzazzjoni fil-bnedmin bit-teħid bin-nifs (**) tista' tinkludi:

(a) il-kejl tal-Immunoglobulin E (IgE) u parametri oħra immunoloġiċi speċifiċi, pereżempju fil-ġrieden;

(b) reazzjonijiet pulmonarji speċifiċi fil-fniek tal-Indi.

3.4.2.2. *Sensitizzaturi tal-ġilda*

3.4.2.2.1. Kategoriji tal-perikli

3.4.2.2.1.1 Is-sensitizzaturi tal-ġilda għandhom jiġu kklassifikati fil-Kategorija 1 fejn l-informazzjoni ma tkunx suffiċjenti għal sottokategorizzazzjoni.

3.4.2.2.1.2 Jekk l-informazzjoni tkun suffiċjenti valutazzjoni rfinata skont it-Taqsima 3.4.2.2.1.3 tippermetti l-allokazzjoni ta' sensitizzaturi tal-ġilda fis-sottokategorija 1 A, sensitizzaturi qawwija, jew is-sottokategorija 1B għal sensitizzaturi oħra tal-ġilda.

3.4.2.2.1.3 L-effetti li dehru jew fl-umani jew l-annimali normalment jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni permezz ta' approċċ tas-saħħa tal-evidenza għal sensitizzaturi tal-ġilda kif deskritt fit-Taqsima 3.4.2.2.2. Is-sustanzi jistgħu jiġu allokati f'waħda miż-żewġ sottokateogorij 1 A jew 1B permezz ta' approċċ tas-saħħa tal-evidenza skont il-kriterji mogħtija fit-Tabella 3.4.2 u fuq il-bażi ta' evidenza kredibbli u ta' kwalità tajba minn każijiet umani jew studji epidemjoloġiċi u/jew osservazzjonijiet minn studji xierqa fuq annimali sperimentali skont il-valuri ta' gwida provduti fit-Taqsimiet 3.4.2.2.2.1 u 3.4.2.2.3.2 għas-sottokategorija 1 A u fit-Taqsimiet 3.4.2.2.2.2 u 3.4.2.2.3.3 għas-sottokategorija 1B.

▼B

3.4.2.2.1.4 Is-sustanzi għandhom jiġi kklassifikati bħala sensitizzaturi respiratorji skont il-kriterji fit-Tabella 3.4.2:

*Tabella 3.4.2*

**Kategoriji u sottokategoriji tal-perikli għal sensitizzaturi respiratorji**

| Il-Kategoriji | Il-Kriterji |
|---|---|
| Il-Kategorija 1 | Is-sustanzi għandhom jiġu klassifikati bħala sensitizzaturi tal-ġilda (il-Kategorija 1) meta l-informazzoni ma tkunx suffiċjenti għal sottokategorizzazzjoni skont il-kriterji li ġejjin:<br>(a) jekk ikun hemm evidenza fil-bnedmin li s-sustanza tista' twassal għal sensitizzazzjoni permezz ta' kuntatt mal-ġilda f'numru sostanzjali ta' nies, jew<br>(b) jekk ikun hemm riżultati pożittivi minn test xieraq fuq l-annimali (ara l-kriterji speċifiċi fit-Taqsima 3.4.2.2.4.1). |
| Is-sottokategorija 1 A: | Is-sustanzi li juru frekwenza għolja ta' okkorrenza fl-umani u/jew potenza għolja fl-annimali jistgħu jiġu presupposti li għandhom potenzjal li jipproduċu sensitizzazzjoni sinifikati fl-umani. Is-severità tar-reazzjoni tista' titqies ukoll. |
| Is-sottokategorija 1B: | Sustanzi li juru frekwenza baxxa jew frekwenza moderata ta' okkorrenza fin-nies u/jew potenza bejn baxxa u moderata fl-annimali jistgħu jkunu presupposti li għandhom il-potenzjal li jipproduċu sensitizzazzjoni fl-umani. Is-severità tar-reazzjoni tista' titqies ukoll. |

3.4.2.2.2. Evidenza umana

3.4.2.2.2.1 Evidenza umana għas-sottokategorija 1 A tista' tinkludi:

(a) reazzjonijiet pożittivi f' $\leq$ 500 μg/ċm$^2$ (HRIPT, HMT – limitu tal-induzzjoni);

(b) dejta djanjostika minn ittestjar fuq roqgħa meta jkun hemm inċidenza relattivament għolja u sostanzjali ta' reazzjonijiet f'popolazzjoni definita f'dak li jirrigwarda esponiment relattivament baxx;

(c) evidenza epidemjoloġika oħra meta jkun hemm inċidenza relattivament għolja u sostanzjali ta' dermatite tal-kuntatt allerġika f'dak li jirrigwarda esponiment relattivament baxx.

3.4.2.2.2.2 Evidenza umana għas-sottokategorija 1B tista' tinkludi:

(a) reazzjonijiet pożittivi f'> 500 μg/ċm$^2$ (HRIPT, HMT – limitu ta' induzzjoni);

(b) dejta djanjostika minn ittestjar fuq roqgħa meta jkun hemm inċidenza relattivament baxxa iżda sostanzjali ta' reazzjonijiet f'popolazzjoni definita f'dak li jirrigwarda esponiment relattivament għoli;

(c) evidenza epidemjoloġika oħra meta jkun hemm inċidenza relattivament baxxa iżda sostanzjali ta' dermatite tal-kuntatt allerġika f'dak li jirrigwara esponiment relattivament għoli.

L-użu ta' dejta umana huwa diskuss fit-Taqsimiet 1.1.1.3, 1.1.1.4 u 1.1.1.5.

3.4.2.2.3. Studji fuq l-annimali

3.4.2.2.3.1 Għall-Kategorija 1, meta jintuża metodu ta' test tat-tip aġġuvant għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda, reazzjoni f'mill-inqas 30 % tal-annimali hija kkunsidrata bħala pożittiva. Rigward il-metodu tat-test mhux aġġuvant fuq il-fniek tal-Indi, reazzjoni f'mill-inqas 15 % tal-annimali hija kkunsidrata pożittiva. Għall-Kategorija 1, indiċi ta' stimolu ta' tlieta jew iktar huwa kkunsidrat bħala reazzjoni pożittiva fit-test fuq għoqda limfatika lokali. Metodi tal-ittestjar għal sensitizzazzjoni tal-ġilda huma deskritti fil-Linja Gwida 406 tal-OECD (it-test ta' Massimizzazzjoni tal-Fniek tal-Indi u

▼B

t-test Buehler tal-fniek tal-Indi) u l-Linja Gwida 429 (It-Test fuq l-Għoqda Limfatika Lokali). Jistgħu jintużaw metodi oħra sakemm ikunu validati sew u tingħata ġustifikazzjoni xjentifika. Pereżempju, it-Test tal-Infiħ tal-Widnejn tal-Ġurdien (TIWĠ), jista' jkun test kredibbli ta' skrinjar sabiex jidentifika sensitizzaturi moderati għal b'saħħithom, u jista' jintuża bħala l-ewwel stadju fil-valutazzjoni tal-potenzjal tas-sensitizzazzjoni tal-ġilda.

3.4.2.2.3.2 Ir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali għas-sottokategorija 1 A jistgħu jinkludu dejta bil-valuri indikati fit-Tabella 3.4.3.

*Tabella 3.4.3*

**Ir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali għas-sottokategorija 1 A**

| It-Test | Il-Kriterji |
|---|---|
| Test fuq l-Għoqda Limfatika Lokali | valur tal-EC3 ≤ 2 % |
| Test ta' massimizzazzjoni tal-fniek tal-Indi | ≥ 30 % b'reazzjoni f' ≤ 0,1 % doża ta' induzzjoni taħt il-ġilda jew<br>≥ 60 % b'reazzjoni f' > 0,1 % sa ≤ 1 % doża ta' induzzjoni taħt il-ġilda |
| Test Buehler | ≥15 % b'reazzjoni f' ≤ 0,2 % doża ta' induzzjoni topika jew<br>≥ 60 % b'reazzjoni f' > 0,2 % sa ≤ 20 % doża ta' induzzjoni topika |

3.4.2.2.3.3 Ir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali għas-sottokategorija 1B jistgħu jinkludu dejta bil-valuri indikati fit-Tabella 3.4.4 ta' hawn taħt:

*Tabella 3.4.4*

**Ir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali għas-sottokategorija 1B**

| It-Test | Il-Kriterji |
|---|---|
| Test fuq l-Għoqda Limfatika Lokali | valur tal-EC3 > 2 % |
| Test ta' massimizzazzjoni tal-fniek tal-Indi | ≥ 30 % sa < 60 % b'reazzjoni f' > 0,1 % sa ≤ 1 % doża ta' induzzjoni taħt il-ġilda jew<br>≥ 30 % b'reazzjoni f' > 1 % doża ta' induzzjoni taħt il-ġilda |
| Test Buehler | ≥ 15 % sa < 60 % b'reazzjoni f' > 0,2 % sa ≤ 20 % doża ta' induzzjoni topika jew<br>≥ 15 % b'reazzjoni f' > 20 % doża ta' induzzjoni topika |

3.4.2.2.4. Kunsiderazzjonijiet speċifiċi

3.4.2.2.4.1 Għall-klassifikazzjoni ta' sustanza, l-evidenza għandha tinkludi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin jew kollha kemm huma li jużaw approċċ tas-saħħa tal-evidenza:

(a) Dejta pożittiva minn ittestjar fuq roqgħa, normalment miksuba f'aktar minn klinika dermatoloġika waħda;

(b) Studji epidemjoloġiċi li juru dermatite tal-kuntatt allerġika kkawżata mis-sustanza. Sitwazzjonijiet li fihom proporzjon għoli ta' dawk esposti juru sintomi karatteristiċi jridu jitqiesu b'mod speċjali, anki jekk in-numru ta' każijiet huwa żgħir;

(c) Dejta pożittiva minn studji adattati fuq l-annimali;

(d) Dejta pożittiva minn studji sperimentali fuq il-bnedmin (ara t-Taqsima 1.3.2.4.7);

▼B

(e) Episodji dokumentati sew ta' dermatite tal-kuntatt allerġika, normalment miksuba f'aktar minn klinika dermatoloġika waħda;

(f) Is-severità tar-reazzjoni tista' titqies ukoll.

3.4.2.2.4.2 Evidenza minn studji fuq l-annimali hi normalment ħafna aktar kredibbli mill-evidenza mill-esponiment tal-bniedem. Madankollu, f'każijiet fejn teżisti evidenza miż-żewġ sorsi, u hemm kunflitt bejn ir-riżultati, il-kwalità u l-affidabbiltà tal-evidenza miż-żewġ sorsi għandha tiġi valutata sabiex jirrisolvu l-kwistjoni dwar il-klassifikazzjoni skont kull każ individwali. Normalment, id-dejta umana mhix iġġenerata permezz ta' esperimenti kontrollati fuq voluntiera għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-periklu iżda aktar bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju sabiex jiġu kkonfermati n-nuqqas ta' effetti li jidhru fit-testijiet fuq l-annimali. Konsegwentement, id-dejta umana pożittiva dwar is-sensitizzazzjoni tal-ġilda normalment tkun imnissla mill-kontroll tal-każijiet jew studji oħra inqas definiti. L-evalwazzjoni tad-dejta umana trid għalhekk issir b'kawtela, peress li l-frekwenza tal-każijiet tirrifletti, barra mill-karatteristiċi inerenti li hemm fis-sustanzi, fatturi bħas-sitwazzjoni ta' esponiment, il-bijodisponibbiltà, il-predispożizzjoni individwali u l-miżuri preventivi meħuda. Id-dejta negattiva dwar il-bniedem ma tistax normalment tintuża biex tinnega riżultati pożittivi minn studji dwar l-annimali. Kemm għad-dejta tal-annimali kif ukoll tal-bniedem, għandu jitqies l-impatt tal-mezz.

3.4.2.2.4.3 Jekk ma tintlaħaq l-ebda waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, is-sustanza ma hemmx għalfejn tiġi klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda. Madankollu, kombinazzjoni ta' żewġ indikaturi jew aktar ta' sensitizzazzjoni tal-ġilda kif imniżżel hawn taħt tista' tbiddel id-deċiżjoni. Dan għandu jitqies każ b'każ.

(a) Episodji iżolati ta' dermatite tal-kuntatt allerġika;

(b) Studji epidemjoloġiċi ta' saħħa limitata, eż fejn wieħed ma jistax b'fiduċja raġonevoli jelimina l-element tal-kumbinazzjonijiet, tas-suġġettività jew fatturi li joħolqu konfużjoni;

(c) Dejta mit-testijiet fuq l-annimali, magħmula skont linji gwida eżistenti, li ma jilħqux il-kriterji ta' riżultat pożittiv deskritt fil-paragrafu 3.4.2.2.3, iżda li huma qrib biżżejjed tal-limitu biex jitqiesu sinifikanti;

(d) Dejta pożittiva minn metodi mhux standard;

(e) Riżultati pożittivi minn analogi strutturali li jixtiebhu.

3.4.2.2.4.4 Urtikarja tal-kuntatt immunoloġika

Is-sustanzi li jilħqu l-kriterji dwar il-klassifikazzjoni bħala sensitizzaturi respiratorji jistgħu barra minn hekk jikkaġunaw urtikarja tal-kuntatt immunoloġika. Għandu jiġi kkunsidrat li dawn is-sustanzi jiġu klassifikati anki bħala sensitizzaturi tal-ġilda. Is-sustanzi li jikkawżaw urtikarja tal-kuntatt immunoloġika mingħajr ma jissodisfaw il-kriterji għas-sensitizzaturi respiratorji, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll għall-klassifikazzjoni bħala sensitizzaturi tal-ġilda.

▼B

Ma hemmx mudell ta' annimal rikonoxxut disponibbli għall-identifikazzjoni tas-sustanzi li jikkawżaw urtikarja tal-kuntatt immunoloġika. Għalhekk, il-klassifikazzjoni normalment se tkun ibbażata fuq evidenza umana li tkun simili għal dik tas-sensitizzazzjoni tal-ġilda.

(*) Preżentement, mudelli tal-annimali rikonoxxuti u validati għall-ittestjar tal-ipersensittività respiratorja mhumiex disponibbli. F'ċerti ċirkustanzi, dejta minn studji fuq l-annimali tista' tipprovdi informazzjoni importanti f'valutazzjoni tas-saħħa tal-evidenza.

(**) Il-mekkaniżmi li bihom is-sustanzi jikkawżaw sintomi tal-ażma għadhom mhumiex kompletament magħrufa. Għal miżuri ta' prevenzjoni, dawn is-sustanzi huma kkunsidrati bħala sensitizzaturi respiratorji. Madankollu, jekk fuq il-bażi tal-evidenza, jista' jintwera li dawn is-sustanzi jikkaġunaw sintomi tal-ażma permezz ta' irritazzjoni biss f'nies li għandhom ipereattività bronkjali, ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala sensitizzaturi respiratorji".

(14) Fit-Taqsima 3.4.3.3.1 ir-referenza għat-"Tabella 3.4.3" hija sostitwita b"Tabella 3.4.5";

(15) It-Taqsima 3.4.3.3.2 hija emendata kif ġej:

(a) ir-referenza għat-"Tabella 3.4.1" hija sostitwita b"Tabella 3.4.5";

(b) ir-referenza għat-"Tabella 3.4.3" hija sostitwita b"Tabella 3.4.6";

(c) It-Tabella 3.4.3 u n-Noti 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*"Tabella 3.4.5*

**Limiti ġeneriċi tal-konċentrazzjoni tal-komponenti f'taħlita klassifikata jew bħala sensitizzaturi respiratorji jew bħala sensitizzaturi tal-ġilda li jwasslu għall-klassifikazzjoni tat-taħlita**

| Komponent klassifikat bħala: | Limiti ġeneriċi tal-konċentrazzjoni li jwasslu għall-klassifikazzjoni tat-taħlita bħala: | | |
|---|---|---|---|
| | Sensitizzatur Respiratorju Il-Kategorija 1 | | Sensitizzatur tal-ġilda Il-Kategorija 1 |
| | Solidu/Likwidu | Gass | L-istati fiżiċi kollha |
| Sensitizzatur Respiratorju Il-Kategorija 1 | ≥ 1,0 % | ≥ 0,2 % | |
| Sensitizzatur Respiratorju Is-sottokategorija 1 A | ≥ 0,1 % | ≥ 0,1 % | |
| Sensitizzatur Respiratorju Is-Sottokategorija 1B | ≥ 1,0 % | ≥ 0,2 % | |
| Sensitizzatur tal-ġilda Il-Kategorija 1 | | | ≥ 1,0 % |
| Sensitizzatur tal-ġilda is Is-Sottokategorija 1 A | | | ≥ 0,1 % |
| Sensitizzatur tal-ġilda Is-Sottokategorija 1B | | | ≥ 1,0 %" |

(d) Tabella ġdida 3.4.6 hija miżjuda wara t-Tabella l-ġdida 3.4.5:

*"Tabella 3.4.6*

**Limiti ta' konċentrazzjoni għall-ġbid 'il barra tal-komponenti ta' taħlita**

| Komponent klassifikat bħala: | Limiti ta' konċentrazzjoni għal ġbid 'il barra | | |
|---|---|---|---|
| | Sensitizzatur Respiratorju Kategorija 1 | | Sensitizzatur tal-ġilda Kategorija 1 |
| | Solidu/Likwidu | Gass | L-istati fiżiċi kollha |
| Sensitizzatur Respiratorju Il-Kategorija 1 | ≥ 0,1 % (Nota 1) | ≥ 0,1 % (Nota 1) | |

▼B

| Komponent klassifikat bħala: | Limiti ta' konċentrazzjoni għal ġbid 'il barra | | |
|---|---|---|---|
| | Sensitizzatur Respiratorju Kategorija 1 | | Sensitizzatur tal-ġilda Kategorija 1 |
| | Solidu/Likwidu | Gass | L-istati fiżiċi kollha |
| Sensitizzatur Respiratorju Is-Sottokategorija 1 A | ≥ 0.01 % (Nota 1) | ≥ 0.01 % (Nota 1) | |
| Sensitizzatur Respiratorju Is-Sottokategorija 1B | ≥ 0,1 % (Nota 1) | ≥ 0,1 % (Nota 1) | |
| Sensitizzatur tal-ġilda Il-Kategorija 1 | | | ≥ 0,1 % (Nota 1) |
| Sensitizzatur tal-ġilda Is-Sottokategorija 1 A | | | ≥ 0.01 % (Nota 1) |
| Sensitizzatur tal-ġilda Is-Sottokategorija 1B | | | ≥ 0,1 % (Nota 1) |

*Nota 1:*

Dan il-limitu tal-konċentrazzjoni għall-ġbid 'il barra jintuża għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti speċjali tal-ittikkettjar fl-Anness II, it-Taqsima 2.8 sabiex jiġu protetti individwi li diġà huma sensitizzati. Hu meħtieġ SDS għat-taħlita li jkun fiha komponent f'konċentrazzjoni akbar. Għas-sustanzi ta' sensitizzazzjoni b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku ta' inqas minn 0,1 %, il-limitu tal-konċentrazzjoni għall-ġbid 'il barra għandu jkun stabbilit f'parti waħda minn għaxra tal-limitu speċifiku tal-konċentrazzjoni."

(16) It-Taqsima 3.4.4.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.4.4.1. L-elementi tat-tikketta għandhom jintużaw għas-sustanzi jew taħlitiet li jilħqu l-kriterji dwar il-klassifikazzjoni f'din il-klassi ta' periklu skont it-Tabella 3.4.7

*Tabella 3.4.7*

**Elementi tat-tikketta tas-sensitizzazzjoni respiratorja jew tal-ġilda**

| Klassifikazzjoni | Sensitizzazzjoni respiratorja | Sensitizzazzjoni tal-ġilda |
|---|---|---|
| | Il-Kategorija 1 u s-sottokategoriji 1 A u 1B | Il-Kategorija 1 u s-sottokategoriji 1 A u 1B |
| Pittogrammi GHS |  |  |
| Kelma bħala Sinjal | Periklu | Twissija |
| Dikjarazzjoni tal-Periklu | H334: Tista' tikkawża allerġija jew sintomi ta' ażma jew diffikultajiet respiratorji jekk tinġibed man-nifs | H317: Tista' tikkawża reazzjoni allerġika fil-ġilda |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni - Prevenzjoni | P261<br>P285 | P261<br>P272<br>P280 |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni - Reazzjoni | P304 + P341<br>P342 + P311 | P302 + P352<br>P333 + P313<br>P321<br>P363 |

▼B

| Klassifikazzjoni | Sensitizzazzjoni respiratorja | Sensitizzazzjoni tal-ġilda |
|---|---|---|
| | Il-Kategorija 1 u s-sottokategoriji 1 A u 1B | Il-Kategorija 1 u s-sottokategoriji 1 A u 1B |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni - Ħażna | | |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni - Rimi | P501 | P501" |

(17) Fit-Taqsima 3.8.3.4.5, is-sentenza li ġejja hija miżjuda fl-aħħar:

"L-irritazzjoni tas-sistema respiratorja u l-effetti narkotiċi għandhom jiġu evalwati separatament skont il-kriterji mogħtija fit-Taqsima 3.8.2.2. Meta jsiru l-klassifikazzjonijiet għal dawn il-perikli, il-kontribuzzjoni ta' kull komponent għandha tiġi kkunsidrata addittiva, sakemm ma jkunx hemm prova li l-effetti mhumiex addittivi."

(18) Fit-Taqsima 3.9.1.2, il-kliem "jew taħlita" huma miżjuda wara l-kelma "sustanza"

(19) It-Taqsima 3.10.1.6.2a. li ġejja hija miżjuda:

"3.10.1.6.2a Għalkemm id-definizzjoni ta' aspirazzjoni fit-Taqsima 3.10.1.2 tinkludi d-dħul ta' solidi fis-sistema respiratorja, il-klassifikazzjoni skont il-punt (b) fit-Tabella 3.10.1 għall-Kategorija 1 hija maħsuba biex tapplika għas-sustanzi u t-taħlitiet likwidi biss."

D. Il-Parti 4 mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. PARTI 4: PERIKLI AMBJENTALI

4.1. **Perikoluża għall-ambjent akkwatiku**

4.1.1. ***Definizzjonijiet u Kunsiderazzjonijiet Ġenerali***

4.1.1.1. *Definizzjonijiet*

(a) 'Tossiċità akkwatika akuta' tfisser il-karatteristika intrinsika ta' sustanza li tkun ta' dannu għal organiżmu akkwatiku f'esponiment qasir għal dik is-sustanza.

(b) 'Periklu akut (fterminu ta' żmien qasir)' tfisser għall-finijiet tal-klassifikazzjoni l-periklu ta' sustanza jew taħlita kkawżat mit-tossiċità akuta tagħha lil organiżmu matul esponiment akkwatiku qasir għal dik is-sustanza jew taħlita.

(c) 'Disponibbiltà ta' sustanza' tfisser il-grad safejn din is-sustanza ssir speċi solubbli jew mifruda. Għad-disponibbiltà tal-metall, l-estent safejn porzjon tal-jonju tal-metall ta' kompost tal-metall (M°) jista' jinfired mill-bqija tat-taħlita (molekulu).

(d) 'Bijodisponibbiltà' jew 'disponibbiltà bijoloġika' tfisser l-estent safejn sustanza tittieħed minn organiżmu, u tinfirex f'żona fl-organiżmu. Jiddependi mill-karatteristiċi fiżiko-kimiċi tas-sustanza, l-anatomija u l-fiżjoloġija tal-organiżmu, il-farmakokinetika, u r-rotta ta' esponiment. Id-disponibbiltà mhix prerekwiżit għall-bijodisponibbiltà.

(e) 'Bijoakkumulazzjoni' tfisser ir-riżultat nett tat-teħid, trasformazzjoni u tneħħija ta' sustanza f'organiżmu minħabba r-rotot kollha ta' esponiment (jiġifieri l-arja, l-ilma, in-naqal/il-ħamrija u l-ikel).

▼B

(f) 'Bijokonċentrazzjoni' tfisser ir-riżultat nett tat-teħid, trasformazzjoni u tneħħija ta' sustanza f'organiżmu minħabba esponiment fl-ilma.

(g) 'Tossiċità kronika akkwatika' tfisser il-karatteristika intrinsika ta' sustanza li tikkawża effetti negattivi fuq l-organiżmi akkwatiċi waqt l-esponiment akkwatiku li huma determinati fir-rigward taċ-ċiklu tal-ħajja tal-organiżmu.

(h) 'Degradazzjoni' tfisser id-dikompożizzjoni ta' molekuli organiċi f'molekuli iżgħar u eventwalment f'dijossidu tal-karbonju, ilma u melħ.

(i) '$EC_x$' tfisser il-konċentrazzjoni tal-effett assoċjat ma' reazzjoni ta' x %.

(j) 'Periklu għal terminu ta' żmien twil' tfisser għall-finijiet tal-klassfikazzjoni l-periklu ta' sustanza jew taħlita kkawżat mit-tossiċità kronika tagħha wara esponiment għal żmien twil fl-ambjent akkwatiku.

(k) 'Ebda Effett Osservat ta' Konċentrazzjoni (NOEC)' tfisser il-konċentrazzjoni tat-test immedjatament taħt l-iktar konċentrazzjoni baxxa ttestjata b'effett negattiv statistikament sinifikanti. L-NOEC ma għandu ebda effett negattiv statistikament sinifikanti meta mqabbel mal-kontroll.

4.1.1.2. *Elementi bażiċi*

4.1.1.2.0 Perikoluża għall-Ambjent Akkwatiku hu differenzjat f':

— Periklu akkwatiku akut;

— Periklu akkwatiku fit-tul.

4.1.1.2.1 L-elementi bażiċi użati għall-klassifikazzjoni abbażi tal-effetti ambjentali akkwatiċi huma:

— Tossiċità akkwatika akuta;

— Tossiċità akkwatika kronika;

— Potenzjal għall-bijoakkumulazzjoni attwali;

— Degradazzjoni (bijotika jew mhux bijotika) għal kimiki organiċi.

4.1.1.2.2 Id-dejta preferibbilment għandha tinħareġ permezz tal-metodi tat-test standardizzati msemmija fl-Artikolu 8(3). Fil-prattika għandha tintuża wkoll dejta minn metodi tat-test oħra standardizzati bħalma huma metodi nazzjonali meta jitqiesu li huma ekwivalenti. Meta tkun disponibbli dejta valida minn ittestjar mhux standard u minn metodi li ma jużawx testijiet, dawn għandhom jiġu kkunsidrati fil-klassifikazzjoni, bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti meħtieġa fit-Taqsima 1 tal-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Ġeneralment, kemm id-dejta dwar it-tossiċità tal-ilma frisk kif ukoll id-dejta dwar it-tossiċità tal-ispeċijiet tal-baħar ikunu kkunsidrati adatti għall-użu fil-klassifikazzjoni, bil-kondizzjoni li l-metodi tal-ittestjar użati jkunu ekwivalenti. Meta ma teżistix it-tali dejta, il-klassifikazzjoni għandha tiġi bbażata fuq l-aħjar dejta li teżisti. Ara wkoll il-Parti 1 tal-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

▼B

4.1.1.3. *Kunsiderazzjonijiet oħra*

4.1.1.3.1 Il-klassifikazzjoni ta' sustanzi u taħlitiet għall-perikli ambjentali tirrikjedi l-identifikazzjoni tal-perikli li jippreżentaw fl-ambjent akkwatiku. L-ambjent akkwatiku jista' jitqies f'termini tal-organiżmi akkwatiċi li jgħixu fl-ilma, u l-ekosistema akkwatika li jagħmlu parti minnha. Għalhekk, il-bażi tal-identifikazzjoni tal-perikli akuti (għal terminu ta' żmien qasir) u fit-tul hija t-tossiċità akkwatika tas-sustanza jew tat-taħlita, għalkemm dan għandu jiġi modifikat billi titqies iżjed informazzjoni dwar id-degradazzjoni u l-imġiba tal-bijoakkumulazzjoni, jekk ikun opportun.

4.1.1.3.2 Filwaqt li s-sistema ta' klassifikazzjoni tapplika għas-sustanzi u t-taħlitiet kollha, hu rikonoxxut li f'każijiet speċjali (pereżempju l-metalli) l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ħarġet gwida.

4.1.2. ***Kriterji dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi***

4.1.2.1. Is-sistema għall-klassifikazzjoni tirrikonoxxi li l-periklu intrinsiku għall-organiżmi akkwatiċi huwa rappreżentat mill-periklu akut kif ukoll dak fit-tul ta' sustanza. Għall-periklu tat-tul, kategoriji separati ta' periklu huma ddefiniti bħala rappreżentazzjoni ta' gradazzjoni fil-livell ta' periklu identifikat. L-iktar valur baxx tal-valuri disponibbli tat-tossiċità bejn u fil-livelli differenti trofiċi (ħut, krustaċji, algi/pjanti akkwatiċi) għandu jintuża normalment biex jiddefinixxi l-kategorija/i tal-periklu adattata/i. Jeżistu ċirkostanzi, madankollu, fejn approċċ tas-saħħa tal-evidenza huwa adattat.

4.1.2.2. Is-sistema ta' klassifikazzjoni ewlenija għas-sustanzi hi magħmula minn kategorija ta' klassifikazzjoni tal-periklu akuta u tliet kategoriji ta' klassifikazzjoni tal-periklu fit-tul. Il-kategoriji ta' klassifikazzjoni tal-periklu akuti u fit-tul huma applikati b'mod indipendenti.

4.1.2.3. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' sustanza fil-Kategorija Akuta 1 huma definiti abbażi tad-dejta dwar it-tossiċità akuta akkwatika biss ($EC_{50}$ jew $LC_{50}$). Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' sustanza fil-kategoriji Kronika 1 sa 3 isegwu approċċ maqsum fi stadji fejn l-ewwel pass huwa l-verifika ta' jekk hemmx informazzjoni disponibbli dwar il-merti tat-tossiċità kronika fil-klassifikazzjoni tal-periklu fit-tul. Finnuqqas ta' dejta adattata ta' tossiċità kronika, il-pass sussegwenti huwa li jingħaqdu żewġ tipi ta' informazzjoni, jiġifieri dejta dwar it-tossiċità akkwatika akuta u dejta dwar id-destin ambjentali (dejta dwar id-degradabbiltà u l-bijoakkumulazzjoni) (ara l-Figura 4.1.1).

▼B

*Figura 4.1.1*

**Kategoriji għal sustanzi perikolużi fit-tul għall-ambjent akkwatiku**




4.1.2.4. Is-sistema tintroduċi wkoll klassifikazzjoni ta'' xibka tas-sigurtà' (msejħa kategorija Kronika 4) biex tintuża' meta d-dejta disponibbli ma tippermettix li ssir il-klassifikazzjoni skont il-kriterji formali għal akut 1 jew kronika minn 1 sa 3 iżda li dwarhom xorta hemm raġunijiet għal tħassib (ara l-eżempju fit-Tabella 4.1.0).

4.1.2.5. Sustanzi b'tossiċitajiet akuti sew taħt il-1 mg/l jew tossiċitajiet kroniċi taħt iż-0,1 mg/l (jekk jiddegradaw bil-mod) u ż-0,01 mg/l (jekk jiddegradaw malajr) jikkontribwixxu bħala komponenti ta' taħlita għat-tossiċità tat-taħlita anki f'konċentrazzjoni baxxa u għandhom normalment jingħataw attenzjoni akbar meta jiġi applikat l-approċċ tal-addizzjoni tal-klassifikazzjoni (ara n-Nota 1 tat-Tabella 4.1.0 u t-Taqsima 4.1.3.5.5).

4.1.2.6. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-kategorizzazzjoni tas-sustanzi bħala li huma 'perikolużi għall-ambjent akkwatiku' huma mogħtija fil-qosor fit-Tabella 4.1.0.

*Tabella 4.1.0*

**Kategoriji ta' klassifikazzjoni għal periklu għall-ambjent akkwatiku**

| | |
|---|---|
| (a) Periklu akkwatiku akut (għal perjodu qasir) | |
| **Il-Kategorija Akut 1**: (Nota 1) | |
| 96 siegħa $LC_{50}$ (għall-ħut) | ≤ 1 mg/l u/jew |
| 48 siegħa $EC_{50}$ (għall-krustaċji) | ≤ 1 mg/l u/jew |
| 72 jew 96 siegħa $ErC_{50}$ (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | ≤1 mg/l.(Nota 2) |

▼B

(b) Periklu akkwatiku fit-tul

(i) Sustanzi li ma jiddegradawx malajr (Nota 3) li għalihom hemm dejta adattata dwar tossiċità kronika disponibbli

**Kategorija Kronika 1**: (Nota 1)

| | |
|---|---|
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-ħut) | ≤ 0,1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-krustaċji) | ≤ 0,1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | ≤ 0,1 mg/l. |

**Kategorija Kronika 2:**

| | |
|---|---|
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-ħut) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-krustaċji) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l. |

(ii) Sustanzi li jiddegradaw malajr (Nota 3) li għalihom hemm dejta adattata dwar it-tossiċità kronika disponibbli

**Il-Kategorija Kronika 1**: (Nota 1)

| | |
|---|---|
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-ħut) | ≤ 0,01 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-krustaċji) | ≤ 0,01 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | ≤ 0,01 mg/l. |

**Il-Kategorija Kronika 2:**

| | |
|---|---|
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-ħut) | > 0,01 sa ≤ 0,1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-krustaċji) | > 0,01 sa ≤ 0,1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | > 0,01 sa ≤ 0,1 mg/l. |

**Il-Kategorija Kronika 3:**

| | |
|---|---|
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-ħut) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-krustaċji) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l u/jew |
| NOEC jew $EC_x$ Kronika (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | > 0,1 sa ≤ 1 mg/l. |

(iii) Sustanzi li mhux disponibbli għalihom dejta adattata dwar it-tossiċità kronika

**Il-Kategorija Kronika 1**: (Nota 1)

| | |
|---|---|
| 96 siegħa $LC_{50}$ (għall-ħut) | ≤ 1 mg/l u/jew |
| 48 siegħa $EC_{50}$ (għall-krustaċji) | ≤ 1 mg/l u/jew |
| 72 jew 96 siegħa $ErC_{50}$ (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | ≤ 1 mg/l (Nota 2) |

u s-sustanza ma tiddegradax malajar u/jew il-BCF determinat permezz tal-esperimenti huwa ≥ 500 jew, fin-nuqqas ta' dan, il-log $K_{ow}$ ≥ 4). (Nota 3).

**Il-Kategorija Kronika 2:**

| | |
|---|---|
| 96 siegħa $LC_{50}$ (għall-ħut) | > 1 sa ≤ 10 mg/l u/jew |

▼B

| | |
|---|---|
| 48 siegħa $EC_{50}$ (għall-krustaċji) | > 1 sa ≤ 10 mg/l u/jew |
| 72 jew 96 siegħa $ErC_{50}$ (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | > 1 sa ≤ 10 mg/l (Nota 2) |
| u s-sustanza ma tiddegradax malajar u/jew il-BCF determinat permezz tal-esperimenti huwa ≥ 500 jew, fin-nuqqas ta' dan, il-log $K_{ow}$ ≥ 4). (Nota 3). | |
| **Il-Kategorija Kronika 3:** | |
| 96 siegħa $LC_{50}$ (għall-ħut) | > 10 sa ≤ 100 mg/l u/jew |
| 48 siegħa $EC_{50}$ (għall-krustaċji) | > 10 sa ≤ 100 mg/l u/jew |
| 72 jew 96 siegħa $ErC_{50}$ (għall-algi jew pjanti akkwatiċi oħra) | > 10 sa ≤ 100 mg/l (Nota 2) |
| u s-sustanza ma tiddegradax malajar u/jew il-BCF determinat permezz tal-esperimenti huwa ≥ 500 jew, fin-nuqqas ta' dan, il-log $K_{ow}$ ≥ 4). (Nota 3). | |
| Klassifikazzjoni ta' 'xibka tas-sigurtà' | |
| **Il-Kategorija Kronika 4** | |
| Każijiet fejn id-dejta ma tippermettix li ssir il-klassifikazzjoni skont il-kriterji ta' hawn fuq, iżda hemm xorta waħda raġunijiet għal tħassib. Dan jinkludi, pereżempju, sustanzi li ma jinħallux malajr li għalihom l-ebda tossiċità akuta m'hi reġistrata f'livelli sas-solubilità fl-ilma (nota 4), u li mhumiex degradabbli malajr skont it-Taqsima 4.1.2.9.5 u li għandhom BCF determinata b'mod sperimentali ta' ≥ 500 (jew, f'nuqqas ta' dan, log $K_{ow}$ ≥ 4), li tindika potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni, li għandhom jiġu kklassifikati f'din il-kategorija sakemm ma teżistix evidenza xjentifika oħra li turi li l-klassifikazzjoni mhix meħtieġa. Din l-evidenza tinkludi NOECs ta' tossiċità kronika > solubilità fl-ilma jew > 1 mg/l, jew evidenza oħra ta' degradazzjoni malajr fl-ambjent minbarra dawk provduti permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi mniżżla fit-Taqsima 4.1.2.9.5. | |

*Nota 1:*

Meta s-sustanzi jiġu klassifikati bħala Akuti fil-Kategorija 1 u/jew Kroniċi fil-Kategorija 1 huwa meħtieġ li fl-istess ħin jiġi indikat il-fattur(i) M adattat/i (ara t-Tabella 4.1.3).

*Nota 2:*

Il-klassifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-$ErC_{50}$ [= $EC_{50}$ (rata ta' tkabbir)]. F'ċirkostanzi fejn il-bażi tal-$EC_{50}$ ma jkunx speċifikat jew fejn l-ebda $ErC_{50}$ ma jkun irreġistrat, il-klassifikazzjoni għandha tiġi bbażata fuq l-iktar $EC_{50}$ baxxa disponibbli.

*Nota 3:*

Meta ma tkun disponibbli l-ebda dejta bżonnjuża dwar id-degradabbiltà, jew determinata b'mod sperimentali jew permezz ta' stima, is-sustanza għandha tiġi kkunsidrata bħala li ma tiddegradax malajr.

*Nota 4:*

'L-ebda tossiċità akuta' għandha tkun meqjusa li tfisser li l-$L(E)C_{50}$(s) hija/huma 'l fuq mis-solubilità fl-ilma. Anki għas-sustanzi li ma jinħallux malajr fl-ilma, (solubilità fl-ilma < 1 mg/l), fejn hemm evidenza li t-test akut ma jkunx ta' miżura vera tat-tossiċità intrinsika.

4.1.2.7. *Tossiċità akkwatika*

4.1.2.7.1 It-tossiċità akkwatika akuta hi normalment determinata permezz ta' 96 siegħa $LC_{50}$ fuq ħuta, 48 siegħa $EC_{50}$ fuq speċi tal-krustaċji u/jew 72 jew 96 siegħa $EC_{50}$ fuq speċijiet tal-alga. Dawn l-ispeċijiet jkopru firxa ta' livelli trofiċi u gruppi tassonomiċi u huma meqjusa bħala sostituti għall-organiżmi akkwatiċi kollha. Id-dejta dwar speċi oħra (eż. *Lemna spp.*) għandha titqies ukoll jekk il-metodoloġija tat-test tkun adattata. It-testijiet tal-inibizzjoni tat-tkabbir tal-pjanti akkwatiċi normalment jitqiesu bħala testijiet kroniċi iżda għall-finijiet tal-klassifikazzjoni l-$EC_{50s}$ huma ttrattati bħala valuri akuti (ara n-Nota 2).

▼B

4.1.2.7.2 Biex tkun determinata t-tossiċità akkwatika kronika għall-finijiet ta' klassifikazzjoni d-dejta li ġiet iġġenerata skont il-metodi tat-test standardizzati msemmija fl-Artikolu 8(3) għandha tiġi aċċettata, kif ukoll riżultati miksuba minn metodi oħra ta' test li huma validati u rikonoxxuti internazzjonalment. L-NOECs jew $EC_x$ ekwivalenti oħra (eż. $EC_{10}$) għandhom jintużaw.

4.1.2.8. *Bijoakkumulazzjoni*

4.1.2.8.1 Il-bijoakkumulazzjoni ta' sustanzi fl-organiżmi akkwatiċi tista' twassal għal effetti tossiċi fuq perjodi ta' żmien itwal anki meta l-konċentrazzjonijiet attwali tal-ilma jkunu baxxi. Għal sustanzi organiċi l-potenzjal għall-bijoakkumulazzjoni għandu normalment jiġi determinat permezz tal-koeffiċjent tad-diviżjoni tal-oktanol/ilma, normalment rappurtat bħala log $K_{ow}$. Ir-relazzjoni bejn il-log $K_{ow}$ ta' sustanza organika u l-bijokonċentrazzjoni tagħha kif imkejjel mill-fattur tal-bijokonċentrazzjoni (BCF) fil-ħut għandha appoġġ xjentifiku konsiderevoli mil-letteratura xjentifika. L-użu ta' valur cut-off ta' log $K_{ow} \geq 4$ hu maħsub biex jidentifika biss dawk is-sustanzi b'potenzjal reali ta' bijokonċentrazzjoni. Filwaqt li dan jirrappreżenta potenzjal ta' bijoakkumulazzjoni, BCF determinat b'mod sperimentali jipprovdi miżura aħjar u għandu jintuża bħala preferenza jekk ikun disponibbli. BCF fil-ħut ta' $\geq$ 500 jindika potenzjal ta' bijokonċentrazzjoni għall-finijiet ta' klassifikazzjoni. Jistgħu jiġu osservati ċerti relazzjonijiet bejn it-tossiċità kronika u l-potenzjal tal-bijoakkumulazzjoni, billi t-tossiċità hija relatata mal-piż tal-ġisem.

4.1.2.9. *Degradabbiltà mgħaġġla tas-sustanzi organiċi*

4.1.2.9.1 Is-sustanzi li jiddegradaw malajr jistgħu jitneħħew malajr mill-ambjent. Filwaqt li effetti ta' tali sustanzi jistgħu jseħħu, speċjalment f'każ ta' tixrid jew ta' aċċident, dawn ikunu lokalizzati u ta' dewmien qasir. Fin-nuqqas ta' degradazzjoni mgħaġġla fl-ambjent, sustanza fl-ilma jkollha l-potenzjal li teżerċita tossiċità fuq medda temporali u spazjali wiesgħa.

4.1.2.9.2 Mod wieħed ta' kif tintwera d-degradazzjoni mgħaġġla huwa billi jintużaw testijiet ta' skrinjar tal-bijodegradazzjoni maħsuba biex jiġi determinat jekk sustanza organika hijiex 'bijodegradabbli malajr'. Fejn tali dejta ma tkunx disponibbli, proporzjon ta' BOD(ħamest ijiem)/COD $\geq$ 0,5 hu meqjus indikattiv ta' degradazzjoni mgħaġġla. Għalhekk sustanza li tgħaddi mit-test tal-iskrinjar hija waħda meqjusa li x'aktarx tkun bijodegradabbli 'malajr' fl-ambjent akkwatiku, u għalhekk ma għandhiex tendenza li tkun persistenti. Iżda, falliment fit-test tal-iskrinjar mhux neċessarjament ifisser li s-sustanza mhix se tiddegrada malajr fl-ambjent. Evidenza oħra ta' degradazzjoni mgħaġġla fl-ambjent tista' għalhekk titqies ukoll u tista' tkun ta' importanza partikolari fejn is-sustanzi jkunu inibitorji għal attività mikrobjali fil-livelli ta' konċentrazzjoni użati fl-ittestjar standard. Għalhekk kriterju ieħor ta' klassifikazzjoni hu inkluż li jippermetti li tintuża d-dejta biex turi li s-sustanza ma tiddegradax effettivament b'mod bijotiku jew abijotiku fl-ambjent akkwatiku permezz ta' > 70 % fi 28 jum. Għalhekk, jekk id-degradazzjoni tintwera taħt kundizzjonijiet li huma realistiċi għall-ambjent, mela l-kriterju ta' 'degradabbiltà mgħaġġla' jintlaħaq.

4.1.2.9.3 Ħafna dejta dwar id-degradazzjoni hija disponibbli fil-forma ta' nofs ħajjiet ta' degradazzjoni u dawn jistgħu jintużaw biex jiddefenixxu d-degradazzjoni mgħaġġla dejjem jekk il-bijodegradazzjoni aħħarija tas-sustanza, jiġifieri mineralizzazzjoni sħiħa, tintlaħaq. Il-bijodegradazzjoni primarja normalment ma tkunx biżżejjed fl-evalwazzjoni tad-degradabbiltà mgħaġġla sakemm ma jintweriex li l-prodotti tad-degradazzjoni ma jilħqux il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni bħala perikolużi għall-ambjent akkwatiku.

▼B

4.1.2.9.4 Il-kriterji użati jirriflettu l-fatt li d-degradazzjoni ambjentali tista' tkun bijotika jew abijotika. L-idroliżi tista' titqies jekk il-prodotti tal-idroliżi ma jilħqux il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni bħala ta' perikolu għall-ambjent akkwatiku.

4.1.2.9.5 Is-sustanzi huma meqjusa degradabbli malajr fl-ambjent jekk wieħed mill-kriterji li ġejjin huwa minnu:

(a) jekk, fi 28 jum ta' studji ta' bijodegradazzjoni lesti, jintlaħqu l-livelli ta' degradazzjoni li ġejjin:

(i) testijiet ibbażati fuq karbonju organiku maħlul: 70 %;

(ii) testijiet ibbażati fuq it-tnaqqis tal-ossiġenu jew il-ġenerazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju: 60 % tal-massimu teoretiku.

Dawn il-livelli tal-bijodegradazzjoni għandhom jinkisbu f'għaxart ijiem minn meta tibda d-degradazzjoni liema punt jittieħed bħala ż-żmien meta 10 % mis-sustanza tkun ġiet degradata, sakemm is-sustanza ma tiġix identifikata bħala UVCB jew bħala sustanza kumplessa, b'ħafna kostitwenti b'kostitwenti strutturalment simili. F'dan il-każ, u meta jkun hemm biżżejjed ġustifikazzjoni, il-kundizzjonii tal-għaxart ijiem tista' tiġi mneħħija u l-livell mixtieq jiġi applikat fi 28 jum, jew

(b) jekk, f'dawk il-każijiet fejn tkun disponibbli dejta tal-BOD u COD biss, meta l-proporzjon tal-$BOD_5$/COD jkun $\geq$ 0,5; jew

(c) jekk teżisti evidenza xjentifika oħra konvinċenti biex turi li s-sustanza tista' tiġi degradata (b'mod bijotiku u/jew abijotiku) fl-ambjent akkwatiku għal livell ta' > 70 % fi żmien perjodu ta' 28 jum.

4.1.2.10. *Komposti u metalli inorganiċi*

4.1.2.10.1 Għat-taħlitiet u l-metalli inorganiċi, il-kunċett tad-degradabbiltà kif applikat fuq il-komposti organiċi għandu tifsira limitata jew l-ebda tifsira. Pjuttost, dawn is-sustanzi jistgħu jiġu trasferiti permezz ta' proċessi ambjentali normali biex iżidu jew inaqqsu l-bijodisponibbiltà tal-ispeċijiet tossiċi. Bl-istess mod, l-użu tad-dejta dwar il-bijoakkumulazzjoni għandu jiġi trattat b'attenzjoni (*).

(*) Inħarġet gwida speċifika mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar kif din id-dejta għal dawn is-sustanzi tista' tintuża sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-kriterji tal-klassifikazzjoni.

4.1.2.10.2 Kompost u metalli inorganiċi li ma jinħallux malajr fl-ilma jistgħu jkunu tossiċi b'mod akut jew kroniku fl-ambjent akkwatiku skont it-tossiċità intrinsika tal-ispeċi inorganika li hija bijodisponibbli u r-rata u l-ammont ta' din l-ispeċi li tidħol fit-taħlita. L-evidenza kollha għandha tiġi analizzata f'deċiżjoni tal-klassifikazzjoni. Dan ikun speċjalment veru fil-każ ta' metalli li juru riżultati marġinali fil-Protokoll tat-Trasformazzjoni/Xoljiment.

4.1.3. ***Kriterji dwar il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet***

4.1.3.1. Is-sistema ta' klassifikazzjoni għat-taħlitiet tkopri l-kategoriji kollha ta' klassifikazzjoni li huma użati għas-sustanzi, jiġifieri l-kategoriji Akuta 1 u Kronika minn 1 sa 4. Sabiex tintuża

▼B

d-dejta kollha disponibbli għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-perikli ambjentali akkwatiċi tat-taħlita, dan li ġej hu applikat fejn adatt:

Il-'komponenti rilevanti' ta' taħlita huma dawk li huma kklassifikati bħala 'Akuti 1' jew 'Kroniċi 1' u huma preżenti f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % (w/w) jew aktar, u dawk li huma kklassifikati 'Kroniċi 2', 'Kroniċi 3' jew 'Kroniċi 4' u huma preżenti f'konċentrazzjoni ta' 1 % (w/w) jew akbar, sakemm ma jkunx hemm suppożizzjoni (bħal fil-każ ta' komponenti b'tossiċità għolja (ara t-Taqsima 4.1.3.5.5.5)) li komponent preżenti f'konċentrazzjoni aktar baxxa xorta jista' jkun rilevanti għall-klassifikazzjoni tat-taħlita għall-perikli akkwatiċi ambjentali. Ġeneralment, għas-sustanzi kklassifikati bħala 'Akuta 1' jew 'Kronika 1' il-konċentrazzjoni li għandha titqies hija ta' (0,1/M) %. (Għal spjegazzjoni tal-fattur M ara t-Taqsima 4.1.3.5.5.5).

4.1.3.2. L-approċċ għall-klassifikazzjoni tal-perikli ambjentali akkwatiċi huwa maqsum fi stadji, u jiddependi fuq it-tip ta' informazzjoni disponibbli għat-taħlita nfisha u għall-komponenti tagħha. Il-Figura 4.1.2 issemmi fil-qosor il-proċess li għandu jiġi segwit.

L-elementi tal-approċċ fi stadji jinkludu:

— klassifikazzjoni bbażata fuq taħlitiet ittestjati;

— klassifikazzjoni bbażata fuq prinċipji ta' konnessjoni;

— l-użu tal-'addizzjoni tal-komponenti kklassifikati' u/jew 'formula ta' addittività'.

*Figura 4.1.2*

**Approċċ fi stadji dwar il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet għal l-perikli akkwatiċi ambjentali akuti u fit-tul**



▼B

4.1.3.3. *Klassifikazzjoni tat-taħlitiet meta d-dejta dwar it-tossiċità tkun disponibbli għat-taħlita kompluta*

4.1.3.3.1 Meta t-taħlita fit-totalità tagħha tkun ġiet ittestjata sabiex tiġi stabbilita t-tossiċità akkwatika tagħha, din l-informazzjoni tista' tintuża għall-klassifikazzjoni tat-taħlita skont il-kriterji li ġew miftiehma rigward is-sustanzi. Il-klassifikazzjoni hija normalment ibbażata fuq id-dejta dwar il-ħut, il-krustaċji u l-alġi/pjanti (ara t-Taqsimiet 4.1.2.7.1 u 4.1.2.7.2). Meta dejta adattata dwar it-tossiċità akuta jew kronika għat-taħlita kollha fil-ġeneralità tagħha tkun nieqsa, għandhom jiġu applikati l-'prinċipji ta' konnessjoni' jew il-'metodu tal-addizzjoni' (ara t-Taqsimiet 4.1.3.4 u 4.1.3.5).

4.1.3.3.2 Il-klassifikazzjoni tal-periklu fit-tul ta' taħlitiet teħtieġ informazzjoni addizzjonali dwar id-degradabbiltà u f'ċerti każijiet il-bijoakkumulazzjoni. It-testijiet ta' degradabbiltà u bijoakkumulazzjoni għat-taħlitiet ma jintużawx billi ġeneralment ikun diffiċli li wieħed jinterpretahom, u dawn it-testijiet jistgħu jkunu rilevanti biss għal sustanzi uniċi.

4.1.3.3.3 Klassifikazzjoni għall-kategorija Akuta 1

(a) Meta jkun hemm dejta adattata dwar it-test tat-tossiċità akuta ($LC_{50}$ jew $EC_{50}$) disponibbli għat-taħlita fit-totalità tagħha li turi $L(E)C_{50} \leq 1$ mg/l:

Ikklassifika t-taħlita bħala Akuta 1 skont il-punt (a) tat-Tabella 4.1.0.

(b) Meta jkun hemm dejta dwar it-test tat-tossiċità akuta ($LC_{50}$(s) jew $EC_{50}$(s)) disponibbli għat-taħlita fit-totalità tagħha li turi $L(E)C_{50}$(s) >1 mg/l normalment għal-livelli kollha trofiċi:

MA hemmx bżonn li ssir klassifikazzjoni għal periklu akut.

4.1.3.3.4 Klassifikazzjoni għall-kategoriji Kronika 1, 2 u 3

(a) Meta jkun hemm dejta adattata dwar it-tossiċità kronika ($EC_x$ jew NOEC) disponibbli għat-taħlita fit-totalità tagħha li turi $EC_x$ jew NOEC tat-taħlita ttestjata ≤ 1 mg/l:

(i) Ikklassifika t-taħlita bħala Kronika 1, 2 jew 3 skont il-punt (b)(ii) tat-Tabella 4.1.0. bħala degradabbli malajr jekk l-informazzjoni disponibbli tippermetti l-konklużjoni li l-komponenti rilevanti kollha tat-taħlita jiddegradaw malajr;

(ii) Ikklassifika t-taħlita bħala Kronika 1 jew 2 fil-każijiet l-oħra kollha skont il-punt (b)(i) tat-Tabella 4.1.0. bħala li ma tiddegradax malajr;

(b) Meta jkun hemm dejta adattata dwar it-tossiċità kronika ($EC_x$ or NOEC) disponibbli għat-taħlita fit-totalità tagħha li turi $EC_x$(s) jew NOEC(s) tat-taħlita ttestjata > 1 mg/l normalment għal-livelli kollha trofiċi:

Ma hemmx bżonn li tiġi kklasifikata għal periklu fit-tul fil-kategoriji Kronika 1, 2 jew 3.

4.1.3.3.5 Klassifikazzjoni għall-kategorija Kronika 4

Jekk minkejja dan ikun hemm raġunijiet għal tħassib:

Ikklassifika t-taħlita bħala Kronika 4 (klassifikazzjoni tax-xibka tas-sigurtà) skont it-Tabella 4.1.0.

▼B

4.1.3.4. *Klassifikazzjoni tat-taħlitiet meta d-dejta dwar it-tossiċità ma tkunx disponibbli għat-taħlita kollha: Prinċipji ta' konnessjoni*

4.1.3.4.1 Meta t-taħlita nnifisha ma ġietx ittestjata biex ikun determinat il-periklu akkwatiku ambjentali tagħha, iżda hemm biżżejjed dejta dwar il-komponenti individwali u taħlitiet simili ttestjati biex tikkaratterizzaw biżżejjed il-perikli tat-taħlita, din id-dejta għandha tintuża' skont ir-regoli ta' konnessjoni stabbiliti fit-Taqsima 1.1.3. Madankollu, b'relazzjoni mal-applikazzjoni tar-regola ta' konnessjoni għad-dilwizzjoni, it-Taqsimiet 4.1.3.4.2 u 4.1.3.4.3 għandhom jintużaw.

4.1.3.4.2 Dilwizzjoni: jekk taħlita tiġi ffurmata billi tiġi dilwita taħlita jew sustanza oħra ttestjata klassifikata għall-periklu ambjentali akkwatiku tagħha b'diluwent li għandu klassifikazzjoni ta' periklu akkwatiku ekwivalenti jew aktar baxx mill-komponent oriġinali l-inqas tossiku u li mhux mistenni li jaffettwa l-perikli akkwatiċi ta' komponenti oħra, imbagħad it-taħlita tista' tiġi klassifikata ekwivalenti għat-taħlita jew sustanza oriġinali ttestjata. Alternattivament, jista' jiġi applikat il-metodu spjegat fit-Taqsima 4.1.3.5.

4.1.3.4.3 Jekk taħlita tiġi ffurmata billi tiġi dilwita taħlita jew sustanza oħra klassifikata mal-ilma jew materjal ieħor totalment mhux tossiku, it-tossiċità tat-taħlita tista' tiġi kkalkulata mit-taħlita jew sustanza oriġinali.

4.1.3.5. *Klassifikazzjoni tat-taħlitiet meta d-dejta dwar it-tossiċità tkun disponibbli għal xi uħud mill-komponenti jew għall-komponenti kollha tat-taħlita*

4.1.3.5.1 Il-klassifikazzjoni ta' taħlita hija bbażata fuq l-addizzjoni tal-konċentrazzjoni tal-komponenti klassifikati tagħha. Il-perċentwal tal-komponenti klassifikati bħala 'Akuti' jew 'Kroniċi' jiddaħħal direttament fil-metodu tal-addizzjoni. Id-dettalji dwar il-metodu tal-addizzjoni huma deskritti fit-Taqsima 4.1.3.5.5.

4.1.3.5.2 It-taħlitiet jistgħu jkunu magħmula minn kombinazzjoni taż-żewġ komponenti li huma kklassifikati (bħala Akuti 1 u/jew Kroniċi 1, 2, 3, 4) u oħrajn li għalihom hija disponibbli dejta adattata dwar it-test tat-tossiċità. Meta tkun disponibbli dejta adattata dwar it-tossiċità għal iktar minn komponent wieħed fit-taħlita, it-tossiċità kombinata ta' dawk il-komponenti hija kkalkulata permezz tal-formuli ta' addittività li ġejjin (a) jew (b), skont in-natura tad-dejta dwar it-tossiċità:

(a) Fuq il-bażi tat-tossiċità akkwatika akuta:

$$\frac{\sum Ci}{L(E)C_{50m}} = \sum_{n} \frac{Ci}{L(E)C_{50i}}$$

= numru ta' komponenti, u 'i' u 'j' jibdew minn tunnellata waħda;

| | | |
|---|---|---|
| $C_i$ | = | konċentrazzjoni tal-komponent i (perċentwal tal-piż); |
| $L(E)C_{50i}$ | = | (mg/l) $LC_{50}$ jew $EC_{50}$ għal komponent i; |
| $\eta$ | = | Numru ta' komponenti, u li għaddej minn 1 sa n; |
| $L(E)C_{50\ m}$ | = | L(E) $C_{50}$ tal-parti tat-taħlita mad-dejta tat-test. |

▼B

It-tossiċità kalkolata tista' tintuża sabiex tiġi assenjata kategorija ta' periklu akut lil dik il-parti tat-taħlita li sussegwentement tintuża fl-applikazzjoni tal-metodu tal-addizzjoni;

(b) Fuq il-bażi tat-tossiċità akkwatika kronika:

$$\frac{\sum Ci + \sum Cj}{EqNOECm} = \sum_n \frac{Ci}{NOECi} + \sum_n \frac{Cj}{0,1 \times NOECj}$$

Fejn:

$C_i$ = il-konċentrazzjoni tal-komponent i (perċentwal tal-piż) li jkopri l-komponenti li jiddegradaw malajr;

Cj = il-konċentrazzjoni tal-komponent j (perċentwal tal-piż) li jkopri l-komponenti li ma jiddegradawx malajr;

NOECi = NOEC (jew miżuri oħra rikonoxxuti għat-tossiċità kronika) għall-komponent i li jkopri l-komponenti li jiddegradaw malajar, f'mg/l;

NOECj = NOEC (jew miżuri oħra rikonoxxuti għat-tossiċità kronika) għall-komponent j li jkopri l-komponenti li ma jiddegradawx malajr, f'mg/l;

N = numru ta' komponenti, u 'i' u 'j' għaddejjin minn 1 sa n;

EqNOECm = NOEC ekwivalenti għall-parti tat-taħlita mad-dejta tat-test.

It-tossiċità ekwivalenti għalhekk tirrifletti l-fatt li sustanzi li ma jiddegradawx malajr huma kklassifikati fl-livell wieħed iktar 'serju' milli sustanzi li jiddegradaw malajar.

It-tossiċità ekwivalenti kkalkolata tista' tintuża sabiex dik il-parti tat-taħlita tiġi assenjata kategorija ta' periklu fit-tul, skont il-kriterji għal sustanzi li jiddegradaw malajr (punt (b)(ii) tat-Tabella 4.1.0), li mbagħad tintuża fl-applikazzjoni tal-metodu tal-addizzjoni.

4.1.3.5.3 Meta tiġi applikata l-formula ta' addittività għal parti tat-taħlita, ikun preferibbli li t-tossiċità ta' din il-parti tat-taħlita tiġi kkalkulata permezz tal-valuri tat-tossiċità ta' kull sustanza li jkunu konnessi mal-istess grupp tassonomiku (jiġifieri ħut, krustaċji, algi jew ekwivalenti) u mbagħad biex tintuża l-ogħla tossiċità (l-aktar valur baxx) miksuba (jiġifieri jintuża' l-aktar grupp sensittiv mit-tliet gruppi tassonomiċi). Madankollu, meta ma tkun disponibbli ebda dejta dwar it-tossiċità ta' kull komponent fl-istess grupp tassonomiku, il-valur ta' tossiċità ta' kull komponent jintgħażel bl-istess mod li jintgħażlu l-valuri tat-tossiċità għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi, jiġifieri tintuża l-ogħla tossiċità (mill-organiżmu tat-test l-aktar sensittiv). It-tossiċità akuta u kronika kkalkulata mbagħad hija użata biex tevalwa jekk din il-parti tat-taħlita għandhiex tiġi klassifikata bħala Akuta 1 u/jew Kronika 1, 2 jew 3 permezz tal-istess kriterji deskritti għas-sustanzi.

4.1.3.5.4 Jekk taħlita tiġi klassifikata f'aktar minn mod wieħed, għandu jintuża l-metodu li jagħti l-aktar riżultat konservattiv.

▼B

4.1.3.5.5 *Metodu tal-addizzjoni*

4.1.3.5.5.1. *Raġuni*

4.1.3.5.5.1.1. Fil-każ tal-kategoriji tal-klassifikazzjoni tas-sustanzi fi Kronika 1 sa Kronika 3, il-kriterji sottostanti tat-tossiċità jvarjaw b'fattur ta' 10 fit-trasferiment minn kategorija għall-oħra. Is-sustanzi b'klassifikazzjoni f'medda ta' tossiċità għolja jistgħu għalhekk jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni ta' taħlita f'medda iżjed baxxa. Il-kalkolu ta' dawn il-kategoriji ta' klassifikazzjoni għalhekk għandu jqis il-kontribut ta' kwalunkwe sustanza kklassifikata bħala Kronika 1, 2 jew 3.

4.1.3.5.5.1.2. Meta taħlita jkun fiha komponenti klassifikati bħala Akuti 1 jew Kroniċi 1, għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li dawk il-komponenti, meta t-tossiċità akuta tagħhom tkun taħt il-1 mg/l u/jew it-tossiċità kronika tkun inqas minn 0,1 mg/l (jekk ma jiddegradawx malajr) u 0,01 mg/l (jekk jiddegradaw malajr) jikkontribwixxu għat-tossiċità tat-taħlita anki f'konċentrazzjoni baxxa. Ingredjenti attivi fil-pestiċidi ħafna drabi jkun fihom dik it-tossiċità akkwatika qawwija iżda wkoll xi sustanzi oħra bħat-taħlitiet organometalliċi. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-applikazzjoni tal-limiti ġeneriċi ta' konċentrazzjoni normali jistgħu jwasslu għal 'klassifikazzjoni inqas' tat-taħlita. Għalhekk, fatturi li jimmultiplikaw għandhom jiġu applikati biex jagħmlu tajjeb għall-komponenti tossiċi ħafna, kif deskritt fit-Taqsima 4.1.3.5.5.5.

4.1.3.5.5.2. *Proċedura ta' klassifikazzjoni*

4.1.3.5.5.2.1. Ġeneralment klassifikazzjoni aktar severa għat-taħlitiet tegħleb klassifikazzjoni inqas severa, eż. klassifikazzjoni ta' Kronika 1 tegħleb il-klassifikazzjoni ta' Kronika 2. Konsegwentement, f'dan l-eżempju, il-proċedura ta' klassifikazzjoni hi diġà lesta jekk ir-riżultat tal-klassifikazzjoni huwa Kronika 1. Klassifikazzjoni iżjed severa minn Kronika 1 mhix possibbli. Għalhekk mhux neċessarju li ssir il-proċedura ta' klassifikazzjoni ulterjuri.

4.1.3.5.5.3. *Klassifikazzjoni għall-kategorija Akuta 1*

4.1.3.5.5.3.1. L-ewwel il-komponenti kollha kklassifikati bħala Akuti 1 huma kkunsidrati. Jekk it-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) ta' dawn il-komponenti mmultiplikat bil-fatturi M korrispondenti tagħhom ikun ikbar minn 25 % it-taħlita kollha tkun klassifikata bħala Akuta 1.

4.1.3.5.5.3.2. Il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet għal perikli akuti bbażata fuq din l-addizzjoni tal-komponenti klassifikati hija mniżżla fil-qosor fit-Tabella 4.1.1.

*Tabella 4.1.1*

**Klassifikazzjoni ta' taħlita għal perikli akuti, fuq il-bażi tal-addizzjoni tal-komponenti klassifikati**

| Addizzjoni tal-komponenti klassifikati bħala: | It-taħlita hija klassifikata bħala: |
|---|---|
| Akuta 1 × M ([a]) $\geq$ 25 % | Akuta 1 |

([a]) Għal spjegazzjoni tal-fattur M, ara 4.1.3.5.5.5.

▼B

4.1.3.5.5.4. *Klassifikazzjoni għall-kategoriji Kronika 1, 2, 3 u 4*

4.1.3.5.5.4.1. L-ewwelnett, jitqiesu l-komponenti kollha kklassifikati bħala Kroniċi 1. Jekk it-total ta' dawn il-konċentrazzjonijiet (f'%) ta' dawn il-komponenti mmultiplikat bil-fatturi M korrispondenti jkun daqs jew akbar minn 25 % it-taħlita tiġi klassifikata bħala Kronika 1. Jekk ir-riżultat tal-kalkolu huwa klassifikazzjoni tat-taħlita bħala Kronika 1 l-proċedura ta' klassifikazzjoni hi mitmuma.

4.1.3.5.5.4.2. F'każijiet fejn it-taħlita ma tkunx ikklassifikata bħala Kronika 1, tiġi meqjusal-klassifikazzjoni tat-taħlita bħala Kronika 2. Taħlita tiġi klassifikata bħala Kronika 2 jekk 10 darbiet is-somma tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti kollha klassifikati bħala Kroniċi 1 mmultiplikati bil-fatturi M korrispondenti tagħhom flimkien mat-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti kollha klassifikati bħala Kroniċi 2 jkun daqs jew akbar minn 25 %. Jekk ir-riżultat tal-kalkolu jkun klassifikazzjoni tat-taħlita bħala Kronika 2, il-proċess ta' klassifikazzjoni jkun mitmum.

4.1.3.5.5.4.3. F'każijiet fejn it-taħlita mhix klassifikata la bħala Kronika 1 u lanqas bħala Kronika 2, il-klassifikazzjoni tat-taħlita bħala Kronika 3 tiġi meqjusa. Taħlita tiġi klassifikata bħala Kronika 3 jekk 100 darba t-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti kollha klassifikati bħala Kroniċi 1 mmultiplikati bil-fatturi M korrispondenti tagħhom flimkien ma' 10 darbiet it-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti kollha klassifikati Kroniċi 2 flimkien mat-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti kollha klassifikati bħala Kroniċi 3 hu ≥ 25 %.

4.1.3.5.5.4.4. Jekk it-taħlita xorta ma tkunx ikklassifikata bħala Kronika 1, 2 jew 3, il-klassifikazzjoni tat-taħlita bħala Kronika 4 għandha titqies. Taħlita tiġi klassifikata bħala Kronika 4 jekk it-total tal-konċentrazzjonijiet (f'%) tal-komponenti klassifikati bħala Kroniċi 1, 2, 3 u 4 ikun daqs jew akbar minn 25 %.

4.1.3.5.5.4.5. Il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet għall-perikli fit-tul, abbażi ta' din l-addizzjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-komponenti klassifikati, hi mogħtija fil-qosor fit-Tabella 4.1.2.

*Tabella 4.1.2*

**Klassifikazzjoni ta' taħlita għal perikli tat-tul, fuq il-bażi tal-addizzjoni tal-komponenti klassifikati**

| Addizzjoni tal-komponenti klassifikati bħala: | It-taħlita hija klassifikata bħala: |
|---|---|
| Kroniċi 1 × M ([a]) ≥ 25 % | Kronika 1 |
| (M × 10 × Kroniċi 1) + Kroniċi 2 ≥ 25 % | Kronika 2 |
| (M × 100 × Kroniċi 1) + (10 × Kroniċi 2) + Kroniċi 3 ≥ 25 % | Kronika 3 |
| Kroniċi 1 + Kroniċi 2 + Kroniċi 3 + Kroniċi 4 ≥ 25 % | Kronika 4 |

([a]) Għal spjegazzjoni tal-fattur M, ara 4.1.3.5.5.5.

▼B

4.1.3.5.5.5. *Taħlitiet b'komponenti tossiċi ħafna*

4.1.3.5.5.5.1. Komponenti fil-Kategorija Akuti 1 u Kroniċi 1 b'tossiċitajiet inqas minn 1 mg/l u/jew tossiċitajiet kroniċi inqas minn 0,1 mg/l (jekk ma jiddegradawx malajr) u 0,01 mg/l (jekk jiddegradaw malajr) jikkontribwixxu għat-tossiċità tat-taħlita anki f'konċentrazzjoni baxxa u normalment għandhom jingħataw konsiderazzjoni akbar meta jiġi applikat l-approċċ tal-addizzjoni tal-klassifikazzjoni. Meta taħlita jkun fiha l-komponenti kklassifikati bħala Akuti jew Kroniċi 1, wieħed minn dawn li ġejjin għandu jiġi applikat:

— L-approċċ fi stadji deskritt fit-Taqsimiet 4.1.3.5.5.3 u 4.1.3.5.5.4 għandu jiġi applikat billi tintuża 'somma peżata billi jiġu multiplikati l-konċentrazzjonijiet tal-komponenti Akuti 1 u Kroniċi 1 b'fattur, minflok ma jingħaddu sempliċiment flimkien il-perċentwali. Dan ifisser li l-konċentrazzjoni ta' 'Akuti 1' fil-kolonna tax-xellug tat-Tabella 4.1.1 u l-konċentrazzjoni ta' 'Kroniċi 1' fil-kolonna tax-xellug tat-Tabella 4.1.2 huma multiplikati bil-fattur multiplikanti adattat. Il-fatturi multiplikanti li għandhom jiġu applikati lil dawn il-komponenti huma definiti permezz tal-valur tat-tossiċità, kif deskritt fil-qosor fit-Tabella 4.1.3. Għalhekk, sabiex tiġi klassifikata taħlita li fiha komponenti Akuti/Kroniċi 1, il-klassifikant jeħtieġ li jkun infurmat dwar il-valur tal-fattur M sabiex japplika l-metodu tal-addizzjoni;

— Il-formula tal-additività (ara t-Taqsima 4.1.3.5.2) sakemm tkun disponibbli dejta għall-komponenti tossiċi ħafna kollha fit-taħlita u jkun hemm evidenza konvinċenti li l-komponenti l-oħra kollha, inklużi dawk li għalihom ma teżistix dejta speċifika dwar it-tossiċità akuta u/jew kronika, huma ta' tossiċità baxxa jew tal-ebda tossiċità u ma jikkontribwixxux b'mod sinifikanti għall-periklu ambjentali tat-taħlita.

*Tabella 4.1.3*

**Fatturi multiplikanti għal komponenti tossiċi ħafna ta' taħlitiet**

| Tossiċità akuta | Fattur M | Tossiċità kronika | Fattur M | |
|---|---|---|---|---|
| Valur $L(E)C_{50}$ mg/l | | Valur NOEC mg/l | Komponenti NRD ([a]) | Komponenti RD ([b]) |
| $0,1 < L(E)C_{50} \leq 1$ | 1 | $0,01 < NOEC \leq 0,1$ | 1 | — |
| $0,01 < L(E)C_{50} \leq 0,1$ | 10 | $0,001 < NOEC \leq 0,01$ | 10 | 1 |
| $0,001 < L(E)C_{50} \leq 0,01$ | 100 | $0,0001 < NOEC \leq 0,001$ | 100 | 10 |
| $0,0001 < L(E)C_{50} \leq 0,001$ | 1 000 | $0,00001 < NOEC \leq 0,0001$ | 1 000 | 100 |
| $0,00001 < L(E)C_{50} \leq 0,0001$ | 10 000 | $0,000001 < NOEC \leq 0,00001$ | 10 000 | 1 000 |
| (kompli f'intervalli tal-fattur 10) | | (kompli f'intervalli tal-fattur 10) | | |

([a]) Ma jiddegradawx malajr.
([b]) Jiddegradaw malajr.

▼B

4.1.3.6. *Klassifikazzjoni ta' taħlitiet mingħajr ebda informazzjoni li tista' tintuża*

4.1.3.6.1. F'każ li ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni li tista' tintuża 'dwar il-periklu akkwatiku akut u/jew fit-tul għal wieħed jew aktar mill-komponenti rilevanti, hu konkluż li t-taħlita ma tistax tiġi attribwita f'kategorija definittiva tal-periklu waħda jew iżjed. F'din is-sitwazzjoni t-taħlita għandha tiġi klassifikata abbażi tal-komponenti magħrufa biss, bid-dikjarazzjoni addizzjonali fuq it-tikketta u fl-SDS li: 'Fiha x % ta' komponenti b'perikli mhux magħrufa għall-ambjent akkwatiku'.

4.1.4. ***Komunikazzjoni dwar il-Periklu***

4.1.4.1. L-elementi tat-tikketta għandhom jintużaw għal sustanzi jew taħlitiet li jilħqu l-kriterji dwar il-klassifikazzjoni f'din il-klassi ta' periklu skont it-Tabella 4.1.4.

*Tabella 4.1.4*

**Elementi tat-tikketta għal dawk perikolużi għall-ambjent akkwatiku**

| PERIKLU AKKWATIKU AKUT | |
|---|---|
| | Akut 1 |
| Pittogramma GHS |  |
| Kelma bħala Sinjal | Twissija |
| Dikjarazzjoni tal-Periklu | H400: Tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Prevenzjoni | P273 |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Reazzjoni | P391 |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Ħażna | |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Rimi | P501 |

| PERIKLU AKKWATIKU FIT-TUL | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Kronika 1 | Kronika 2 | Kronika 3 | Kronika 4 |
| Pittogrammi GHS |  |  | Ma tintuża l-ebda pittogramma | Ma tintuża l-ebda pittogramma |
| Kelma bħala Sinjal | Twissija | Ma tintuża l-ebda kelma bħala sinjal | Ma tintuża l-ebda kelma bħala sinjal | Ma tintuża l-ebda kelma bħala sinjal |

▼B

| PERIKLU AKKWATIKU FIT-TUL | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Kronika 1 | Kronika 2 | Kronika 3 | Kronika 4 |
| Dikjarazzjoni tal-Periklu | H410: Tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li tħalli effetti dejjiema | H411: Tossika ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li tħalli effetti dejjiema | H412: Tagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li tħalli effetti dejjiema | H413: Tista' tikkawża effetti ta' ħsara dejjiema lill-organiżmi akkwatiċi |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Prevenzjoni | P273 | P273 | P273 | P273 |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Reazzjoni | P391 | P391 | | |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Ħażna | | | | |
| Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni — Rimi | P501 | P501 | P501 | P501" |

E. Il-Parti 5 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. PARTI 5: PERIKLI ADDIZZJONALI

5.1. **Perikolużi għas-saff tal-ożonu**

5.1.1. ***Definizzjonijiet u kunsiderazzjonijiet ġenerali***

5.1.1.1. Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-ożonu (ODP) huwa kwantità integrattiva, differenti għal kull speċi ta' sors tal-alokarbonju, li jirrappreżenta l-estent tat-tnaqqis tal-ożonu fl-istratorsfera mistenni mill-alokarbonju fuq bażi skont kull massa firrigward tas-CFC-11. Id-definizzjoni formali tal-ODP hija l-proporzjon ta' perturbazzjonijiet integrati għall-ożonu kollu, għal emissjoni differenzjali tal-massa ta' kompost partikolari li hija relattiva għal emissjoni ekwivalenti ta' CFC-11.

*Sustanza Perikoluża għas-Saff tal-Ożonu* tfisser sustanza li, fuq il-bażi tal-evidenza disponibbli li tirrigwarda l-karatteristiċi tagħha u d-destin u l-aġir ambjentali previst jew osservat tagħha tista' tippreżenta periklu lill-istruttura u/jew il-funzjonament tas-saff stratosferiku tal-ożonu. Dan jinkudi sustanzi li huma mniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (*).

5.1.2. ***Kriterji dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi***

5.1.2.1. Sustanza għandha tiġi klassifikata bħala Perikoluża għas-Saff tal-Ożonu (il-Kategorija 1) jekk l-evidenza disponibbli li tirrigwarda l-karatteristiċi tagħha u d-destin u l-aġir ambjentali previst jew osservat tagħha jindikaw li tista' tippreżenta periklu lill-istruttura u/jew lill-funzjonament tas-saff stratosferiku tal-ożonu.

5.1.3. ***Kriterji dwar il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet***

5.1.3.1. It-taħlitiet għandhom jiġu klassifikati bħala Perikolużi għas-Saff tal-Ożonu (il-Kategorija 1) fuq il-bażi tal-konċentrazzjoni individwali tas-sustanza/i li jkun fihom li huwa klassifikati wkoll bħala Perikolużi għas-Saff tal-Ożonu (il-Kategorija 1), skont it-Tabella 5.1.

▼B

*Tabella 5.1*

**Limiti ġeneriċi ta' konċentrazzjoni għal sustanzi (f'taħlita), kklassifikati bħala li Jagħmlu Ħsara lis-Saff tal-Ożonu (il-Kategorija 1), li jiskattaw il-klassifikazzjoni tat-taħlita bħala li Tagħmel Ħsara lis-Saff tal-Ożonu (il-Kategorija 1)**

| Klassifikazzjoni tas-sustanza | Klassifikazzjoni tat-taħlita |
|---|---|
| Perikoluża għas-saff tal-ożonu (il-Kategorija 1) | C ≥ 0,1 % |

5.1.4. ***Komunikazzjoni dwar il-Periklu***

5.1.4.1. L-elementi tat-tikketta għandhom jintużaw għal sustanzi jew taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji dwar il-klassifikazzjoni f'din il-klassi ta' periklu skont it-Tabella 5.2

*Tabella 5.2*

**Elementi tat-tikketta għal dawk perikolużi għas-Saff tal-Ożonu**

| | |
|---|---|
| Simbolu/ pittogramma |  |
| Kelma bħala Sinjal | Twissija |
| Dikjarazzjoni tal-Periklu | H420: Harms public health and the environment by destroying ozone in the upper atmosphere |
| Dikjarazzjonijiet ta' Prekawzjoni | P502 |

(*) ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1".

▼B

*ANNESS II*

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) It-Taqsima 2.8 hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.8 **Taħlitiet li fihom mill-inqas sustanza waħda sensitizzanti**

It-tikketta fuq l-imballaġġ tat-taħlitiet li mhumiex klassifikati bħala sensitizzanti iżda li fihom mill-inqas sustanza waħda klassifikata bħala sensitizzanti u preżenti f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn dik speċifikata fit-Tabella 3.4.6 tal-Anness I għandu jkollha d-dikjarazzjoni:

EUH208 — 'Fiha (isem tas-sustanza sensitizzanti). Tista' tipproduċi reazzjoni allerġika'.

Taħlitiet klassifikati bħala sensitizzanti li fihom sustanza/i oħra klassifikati bħala sensitizzati (minbarra dik li twassal għall-klassifikazzjoni tat-taħlita) u preżenti f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn dik speċifikata fit-Tabella 3.4.6 tal-Anness I għandu jkollhom l-isem/ismijiet ta' dik/dawk is-sustanza/i fuq it-tikketta."

(b) Fit-Taqsima 2.10, l-ewwel inċiż hu sostitwit b'dan li ġej:

"— ≥ 0,1 % ta' sustanza kklassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda kategorija 1, 1B, sensitizzaturi respiratorji kategorija 1, 1B, jew kategorija karċinoġenika 2; jew

— ≥ 0,01 % ta' sustanza kklassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda kategorija 1 A, sensitizzaturi respiratorji kategorija 1 A; jew

— ≥ wieħed minn għaxra ta' limitu ta' konċentrazzjoni speċifika għal sustanza kklassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzaturi respiratorju b'limitu speċifiku ta' konċentrazzjoni aktar baxx minn 0,1 %; jew"

(2) Fil-Parti 3, it-Taqsima 3.2.2.1, hija sostitwita b'dan li ġej:

"3.2.2.1. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-aerosols li huma klassifikati u ttikkettati biss bħala 'aerosols li jaqbdu, Kategorija 1' jew 'aerosols li jaqbdu, Kategorija 2'. Lanqas ma tapplika għal reċipjenti tal-gass trasportabbli."

▼B

*ANNESS III*

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Id-dikjarazzjonijiet ta' periklu għandhom jiġu applikati skont il-Partijiet 2, 3, 4 u 5 tal-Anness I.

Fl-għażla tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu skont l-Artikoli 21 u 27, il-fornituri jistgħu jużaw id-dikjarazzjonijiet ikkombinati ta' periklu pprovduti f'dan l-Anness.

Skont l-Artikolu 27 il-prinċipji ta' preċedenza li ġejjin għad-dikjarazzjonijiet ta' periklu jistgħu japplikaw għall-ittikkettar:

(a) Jekk tiġi assenjata d-dikjarazzjoni ta' periklu H410 'Tossika ħafna għall-ħajja akkwatika b'effetti li jdumu ħafna', id-dikjarazzjoni H400 'Tossika ħafna għall-ħajja akkwatika' tista' titħalla barra;

(b) Jekk tiġi assenjata d-dikjarazzjoni H314 'Tikkawża ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn', id-dikjarazzjoni H318 'Tagħmel ħsara serja lill-għajnejn' tista' titħalla barra.

Sabiex jiġi indikat il-mod ta' amministrazzjoni jew esponiment, jistgħu jintużaw id-dikjarazzjonijiet tal-periklu kombinati tat-Tabella 1.2."

(b) Fit-Tabella 1.1, in-nota f'qiegħ il-paġna għall-kodiċi H200 hija mħassra.

(c) It-Tabella 1.2 hija emendata kif ġej:

(i) fil-Kodiċi H317, it-titlu tat-tielet (3) kolonna hu sostitwit b'li ġej:

"3.4 – Sensitizzazzjoni – Ġilda, Kategorija ta' Periklu 1, 1 A, 1B";

(ii) fil-Kodiċi H334, it-titlu tat-tielet (3) kolonna hu sostitwit b'li ġej:

"3.4 – Sensitizzazzjoni – Respiratorja, Kategorija ta' Periklu 1, 1 A, 1B";

(iii) id-dikjarazzjonijiet mħalltin tal-periklu li ġejjin huma miżjuda mat-Tabella wara l-Kodiċi H373:

| H300 + H310 | Lingwa | 3.1 – Tossiċità akuta (orali) u tossiċità akuta (tal-ġilda), Kategorija ta' Periklu 1, 2 |
|---|---|---|
| | "BG | Смъртоносен при поглъщане или при контакт с кожата |
| | ES | Mortal en caso de ingestión o en contacto con la piel |
